# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 10

## IL-POEŻIJA TA' ĠORĠ PISANI
## L-ALLEGORIJA TA' L-GĦAR F'"LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR"
## IL-QARI SERJU F'"LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR"
## IL-KRITIKA SOĊJALI FIT-TLIET DRAMMI TA' EBEJER
## IT-TRADIZZJONI F'DUN KARM

## ŻEWĠ KOMPONIMENTI BĦALA MUDELL GĦALL-EŻAMI TA' L-GĦARBI BIT-TAĦRIĠ U BIT-TWEĠIB GĦAL-LEST

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 1 Numru 10**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



## Bord Editorjali

Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb


## Il-Kittieba

Mario Azzopardi
J.C. Briffa
Ġużè Diacono
Oliver Friggieri
Albert Galea
L. Gellel, S.J.
Ġorġ Mifsud
Immanuel Mifsud
Alfred Zerafa

## X'FIH


**Ġorġ Pisani: Żgħożija u Kolonjaliżmu**
*Albert Galea* 169
**Il-Ħsieb tal-Qari Serju f'"Leli ta' Ħaż-Żgħir"** *J.C. Briffa* 170
**"Il-Ħadd fuq il-Bejt"** *Ġużè Diacono* 171
**It-Tradizzjoni f'Dun Karm** *J.C. Briffa* 174
**Ellul Mercer u "L-Allegorija ta' l-Għar"** *Mario Azzopardi* 175
**Il-Letteratura Maltija u l-Mediterran**
*Oliver Friggieri* 176
**Il-Kritika Soċjali f'Ebejer** *L. Gellel, S.I.* 178

فهم المكتوب
١٧ الأرخبيل المالطى ٥
١٩ منزلنا الصّيفى ٦ بقلم الفريد زرافا

**Mill-Kontribut tal-Qarrejja – Il-Figura tal-Mara f'Dun Karm u f'Azzopardi**
*Immanuel Mifsud* Kopertina


### *EDITORJAL*

Wasalna fl-aħħar ħarġa għal din is-sena skolastika u bqajna sa l-aħħar akkaniti magħkom biex xahar wara l-ieħor ngħinukom bl-aktar mod prattiku fl-istudju tagħkom tal-Malti u ta' l-Għarbi. Din ma kinitx ħidma ħafifa, la min naħa tal Bord Editorjali u lanqas min-naħa tal-pubblikaturi. Is-suċċess tar-rivista kien kbir għax intom urejtuna bla ħabi xejn il-kummenti tagħkom, u aħna min-naħa tagħna diġà wettaqna kemm-il wieħed minnhom.

Il-qarrejja ta' din ir-rivista ma kinux biss studenti. Kienu wkoll għalliema, dilettanti tal-*Melitensia* kif ukoll kittieba tal-Malti, li għal-kemm mhux dejjem ikkontribwew bil-kitba xorta għamlulna l-qalb fil-ħidma tagħna.

U dan għax bħalna għarfu kemm l iskop tagħna huwa qaddis. L-ewwel li nurukom il-valur letterarju tal-kotba tagħkom u mbagħad, bla ma ninsew li għandkom l-eżami ta' Ġunju jistenniekom, inqegħduhomlkom fl-ambjent awtentiku tagħhom tal-letteratura tagħna Maltija, u anki wkoll fl-isfond tal-letteratura Mediterranea, kontinentali u dinjija, sew f'dik li hi kitba kif ukoll dokumentazzjoni. F'din il-ħarġa, ngħidu aħna, hawn ritratti ta' Platun, Kant, Shopenhauer, Dostojevski u Pirandello li ħafna minnkom qatt ma rawhom qabel. Imbagħad hemm l-interpretazzjoni artistika ta' xi xogħlijiet li għandkom tistudjaw magħmula mill-istudenti Augusto Cardinali, Jesmond Dalmas u Aldo Gatt li bil-kapaċità tagħhom urew kemm huma stess fehmuhom u kemm intom, għandkom fikom potenzjalitajiet kbar artistiċi u letterarji, jekk tridu tfittxuhom.

L-ittri li bgħattulna kienu ħafna. Minħabba l-ispazju limitat li għandna fir-rivista ma stajniex inġibuhom f'dawn l-aħħar ħarġiet. Imma ma jfissirx, b'daqshekk, li qed inwarrbukom. Ġie li weġibna għadd sabiħ minnhom bil-kitba. U fil-ħarġiet li jmiss inwegħdukom li nerġgħu nġibu xi siltiet minnhom.

Issa li wasaltu għall-eżami nissuġġerulkom tliet affarijiet:

1) *Tistudjawx* l-istudji fir-rivista tagħna u/jew xi noti oħra *bl-amment* għax tkunu tfarrku moħħkom u taħlu l-ħin għalxejn biex ma tgħaddux;
2) *Il-kotba* li għandkom għall-Malti fit-tieni karta tal-Livell Ordinarju u fil-Livell Avvanzat *tridu tistudjawhom kollha* għax l-għażla teżisti biss għall-istudenti tal-Livell Avvanzat, u din jistgħu jagħmluha biss waqt l-eżami. Mhux veru li, kif qed jingħad fi skola sekondarja, hemm *Il-Għid taż-Żgħożija* ta' Ġorġ Pisani u *San Ġwann* ta' Ġużè Galea biss għall-eżami tal-Livell Ordinarju.
3) *Il-Malti huwa l-lingwa tagħkom.* Għalhekk, qisu li ma tinsewhx wara l-eżami. Komplu aqraw bil-Malti, żommu ruħkom aġġornati ma' l-iżvilupp tal-Letteratura Maltija, u tkunux kuntenti bil-kotba ta' livell irħis li joħorġu kullimkien, mhux biss Malta. Min minnkom iħossu mitfugħ għall-kitba nissuġġerulu jissieħeb f'xi għaqda letterarja u jfittex il-parir ta' min jista' jorbot fuqu. Ir-rivista tagħna se tibqa' miftuħa għal kulħadd fis-snin li ġejjin.

Lill-istudenti ta' l-Għarbi nissuġġerulhom jistudjaw kemm il-vokabolarju kif ukoll is-sintassi tal-lingwa. It-tnejn huma importanti, anzi indispensabbli biex imorru tajjeb fl-eżami. U ngħidulhom ukoll dawn it-tliet affarijiet:

1) *Il-komponimenti* li tajniekom bħala mudelli *tistudjawhomx bl-amment;*
2) *Fl-eżami agħtu kas tat-taqsimiet kollha,* għax l-iskop ta' kull waħda minnhom huwa differenti u kollha jirriflettu l-kapaċitajiet tagħkom fil-lingwa;
3) *L-Għarbi sar lingwa importanti* fid-dinja ta' llum. Titilfux il-ftit li tgħallimtu. Fittxu li taqraw kotba, rivisti u gazzetti bl Għarbi; isimgħu r-radju ta' kuljum u araw tagħmlux ħbieb, imqar bil-pinna, ma' xi studenti Għarab biex ma tinsewx il-prattika tal-kitba wkoll.

Nixtiqulkom is-suċċess kollu li tridu fl-eżamijiet li ġejjin. Nittamaw li narawkom f'Settembru li ġej għall-ewwel ħarga tat-tieni volum ta' *Mis-Sillabu*.


## Abbonamenti u ħarġiet ta' qabel mingħand

P.E.G. Book Centre,
Savoy Shopping Arcade,
Il-Belt Valletta. Tel: 621229

# ĠORĠ PISANI: ŻGĦOŻIJA U KOLONJALIŻMU



**Ġ. Pisani**

FL-ISTUDJU TIEGĦU bħala daħla għall-poeżija ta' Ġorġ Pisani (1945), il-Professur Ġużè Aquilina kien fisser illi minn tagħrif bijografiku, il-ħajja ta' Pisani għandha tinqasam fi tliet żminijiet ewlenin: (i) il-ħajja tiegħu bħala novizz fil-Kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex, (ii) ħajtu barra mill-kunvent u (iii) 'il barra mill-kunvent fi żmien it-Tieni Gwerra (1939–1945). Aquilina jqis illi Pisani kiteb l-aħjar poeżiji tiegħu fi żmien it-tieni fażi, mibnija fuq it-tifkiriet li Pisani ġarrab fi tfulitu u fil-kunvent.

Aquilina qies ukoll, bir-raġun, illi t-tielet fażi ta' Pisani kienet waħda "artistikament mejta", epoka fqira illi "tbattlet mill-mottivi poetiċi".

L-ewwel u t-tieni fażi ta' Pisani huma karatterizzati mill-kriżijiet taż-żgħożija, meta l-ġisem u l-ispirtu jkunu qegħdin jippruvaw jistabbilixxu ekwilibriju bejniethom, u meta l-irwiefen tad-dubji reliġjużi jkunu qed jagħfsu lill-moħħ b'ċerta qilla. Hemm mhux biss id-dubji ta' Pisani dawr il-vokazzjoni saċerdotali tiegħu iżda wkoll tħassib dwar l-istat ta' saħħtu, kif juru poeżiji bħal *Għasfur Ċkejken:* il-poeta jqabbel lilu nnifsu mal-għasfur li jidher "bla ħeġġa... bla saħħa":

*Jien ukoll, għasfur, jien bħalek*
*Għarrixt kmieni għall-ħlewwiet,*
*Imma l-hena mkien ma sibtu*
*L-inqas fl-għerf, l-inqas fis-skiet.*

Meta Pisani ħalla l-kunvent u ta pass importanti biex jibda jiltaqa' mad-dinja, il-kitba tiegħu, dejjem fil-fehma ta' Aquilina, ħadet bixra fiżiko-romantika; il-kittieb tgħaxxaq bil-ħelsien tal-ħajja, bħal dak il-maħluq li kien ilu żmien twil iħossu mliġġem f'ċella u issa jrid jisker bil-ħelsien, b'mod ossessiv:



**Mottivi favur l-Ingilterra bħala "Omm".**

*Ejja, ja tfajla, ejja*
*Nitrejqu flimkien,*
*Bil-ħobż ta' l-imħabba,*
*Bl-inbid tal-ħelsien.*

*(Ħelsien)*

Il-ton ta' Pisani minn xi daqqiet huwa rżin u senswali; il-poeżiji tiegħu f'din il-fażi huma mimlijin xewqat u fantasiji u wkoll, b'nostalġija ta' mħabba li ma rnexxietx.

Minbarra l-imħabba senswali f'Pisani, wieħed irid jikkunsidra fix-xogħlijiet tiegħu l-imħabba patrijottika, marbuta mal-ġrajjiet ewlenin ta' Malta u ta' Għawdex u mfissra tipikament b'rettorika romantika illi laqtet saħansitra lil Dun Karm, illi, ġeneralment, "kien kemmxejn iebes" maż-żgħażagħ li jaspiraw li jiktbu l-poeżija. Pisani għandu l-mertu illi pprova jistħarreġ il-ġrajja mhix magħrufa ta' dawn il-gżejjer, donnu biex (konxjament jew le) isib xi tarf għall-mottiv arċitipali kollettiv (jiġifieri elementi qodma komuni li jinħassu fil-poplu kollu kemm hu). Minn hawnhekk ġejjin poeżiji bħal *Il-Ġgantija ta' Għawdex, Lil Filfla, Għar Dalam*, fost oħrajn.

Dejjem minn aspett romantiku, il-qarrej ta' Pisani jrid iqis ukoll ix-xbiha tal-poeta bħala l-bniedem ivvittimizzat, imqar fejn jidħlu elementi li kellhom x'jaqsmu mal-lingwa. Pisani kien qiegħed jikteb fi żmien ta' ġlidiet ħorox bejn dawk li riedu jintrabtu ma' l-Italja u dawk li żammew ma' l-Ingliżi għax raw fihom sidien providenzjali. (Aquilina nnifsu, li sas-snin Sittin kien il-kritiku ewlieni f'dak kollu li kellu x'jaqsam ma' l-Ilsien u l-Letteratura Maltija, kien igħodd ma' dawn ta l-aħħar).

Ta' min jiftakar illi l-Ingliżi kellhom interess liema bħalu li jħallu l-Malti jinxtered fil-letteratura, mhux għax emmnu fil-Malti bħala espressjoni li ta' min jikkultivaha għax hija ruħ il-poplu, iżda għax b'hekk, l-imperjalisti Ingliżi kienu jaċċertaw illi t-Taljan ma jkunx ta' theddida kontinwa għalihom. Aquilina, Dun Karm u Pisani, fost ħafna oħrajn, kienu Anglofili.

L-istess bħal Dun Karm, Ġorġ Pisani ra illi l-kolonjaliżmu taħt l-Ingliżi kien id-destin ħelu ta' Malta. Il-poeżiji tat-tielet fażi tal-karriera letterarja tiegħu huma mimlijin b'tifħir lill-Ingilterra, b'Londra, il-kapitali Britannika, murija bħala l-"Omm" tal-Maltin (ara, fost oħrajn, il-poeżija "djalogata" bejn Malta u Londra bl-isem *Fil-Waqgħa ta' Tuneż u Biżerta*, 1943). Pisani laħaq fehem illi l-possessjoni Ingliża ta' Malta kellha tkun kompleta, filwaqt li, mill-banda l-oħra, il-poplu Malti kellu jibqa' marbut ma' l-imperu:

*U bin-nar u bil-mewt qalbi qaltli*
*Li ninfirdu ma jista' jkun qatt.*

Illum dawn il-ħsibijiet jistunaw minħabba l-ġrajjiet politiċi li seħħew f'dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena u li wrew illi l-Maltin għarfu jimxu l-ewwel lejn l-Indipendenza politika u mbagħad lejn Repubblikaniżmu li saħansitra wassalna biex nagħlqu l-bażijiet militari ta' l-Ingliżi. Dawn, ċertament, kienu deċiżjonijiet importanti illi nies bħal Dun Karm u Ġorġ Pisani qatt ma emmnu li setgħu jittieħdu. Min-naħa tiegħu, Pisani tant għadd lill-Ingliżi ta' ġewwa, illi diversi poeżiji tiegħu huma dedikati lil irjus kbar Ingliżi fosthom Sir Harry Luke, l-Onorevoli Constance Strickland u s-Sinjorina Irene Campbell, bint il-Gvernatur Sir David Campbell.

**ALBERT GALEA**

# IL-ĦSIEB TAL-QARI SERJU F'"LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR"

FIT-TIENI KTIEB, TAQSIMA XII tar-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, Ellul Mercer imiss fit-tul wieħed mill-aktar punti importanti li laqtuh kemm bħala personalità kif ukoll bħala awtur. Ellul Mercer stqarr ċar u tond illi *Leli ta' Ħaż-Żgħir* huwa rumanz awtobijografiku u li, parzjalment, "janalizza psikjatrikament il-ħajja ta' bniedem newrotiku" (ara, M. Azzopardi, *Ġużè Ellul Mercer, Kuxjenza u Intellett, Mis-Sillabu*, N.1, p.12).

Il-ħajja ta' Ellul Mercer innifsu hija miżgħuda b'waqtiet fejn l-awtur donnu jinqabad fi problema dwar safejn kellu jħalli l-iżvilupp intellettwali tiegħu jwassal. Bħal fil-każ ta' Leli, illi, bis-saħħa ta' Pawlu u tas-Sur Kelin, kompla ntrabat mal-ħsieb letterarju u filosofiku ta' ħassieba bħal Platun, Kant, Spinoza, Dostojevski, Zola, Shopenhauer u Nietzsche (ara pp. 70–77 tar-rumanz u wkoll pp.160–1). Ellul Mercer innifsu donnu li kien jaħseb illi l-qari tiegħu bla heda kien ser iwassal għal xi nevrestenija jew mard tal-moħħ.

Fit-taħdita bejn Leli, Pawlu u s-Sur Kelin, li kien mgħammar sa ruħ ommu b'kotba famużi, issir referenza partikolari għall-ħassieb u awtur Max Simon Nordau, bniedem b'parentela Ġermaniża-Ungeriża-Lhudija li kien ħareġ il-ktieb kontroversjali tiegħu *Entartung* (kelma li fir-rumanz hija mfissra bħala "taħsir"). Nordau "imur jagħti xhieda li ħafna mill-kitba, mis-snajja' s-sbieħ u mill-mużika ta' żmenijietna, imfaħħrin mill-kotra, m'humiex għajr wild ta' mħuħ nofshom morda u mħassrin." Waqt it-taħdita filosofika bejn Pawlu u s-Sur Kelin, l-awtur iġiegħel lill-karattri tiegħu jitbeżżgħu mill-"ħsieb marradi" li jistgħu jipproduċu l-artisti, idea li hija preżenti wkoll fil-bidu tal-ħsieb ta' Platun, li bih tinfetaħ id-diskursata twila f'Kapitlu XII tat-Tieni Ktieb.

Ellul Mercer ma nesiex lil Nordau u snin twal wara li kien xandar *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, huwa reġa' qabad dan l-argument (din id-darba bl-Ingliż) fir-rivista *The Knight*, maħruġa kull xahar mil-*Labour Party* ta' Malta. Fil-ħarġa ta' Lulju, 1952 (Vol. II, N. 7, pp. 38–43), Ellul Mercer kiteb artiklu li semmieh, sewwa sew, *Entartung*. F'din il-kitba, Ellul Mercer juri kif Nordau ħadha qatta' bla ħabel kontra l-kompożitur Wagner u saħansitra sejjaħlu "deġenerat" mingħajr ebda ħsieb poetiku: "Wagner is wholly sterile as a poet." Wagner jidħol ukoll fil-konverżazzjoni bejn Pawlu, is-Sur Kelin u Leli, l-istess kif jagħmlu Schopenhauer, Nietzsche u Zola, tliet ħassieba kbar li Nordau qabbel il-letteratura tagħhom ma' prodott ta' xi ħadd miġnun. Bħala karattru infurmat, Leli kien jaf bil-ġenn ta' Nietzsche:

> ... *il-filosfu li jrid ibiddel lin-nies f'allat u li fuq tagħlimu miexja l-Ġermanja ta' llum* (i.e. il-Ġermanja ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija), *tilef rasu mita kien għad għandu erbgħa u erbgħin sena; u temm l-aħħar tnax-il sena ta' ħajtu miġnun.*

Fl-egħluq tat-taħdita twila dwar il-kotba, is-Sur Kelin jagħti parir lil Pawlu u lil Leli biex jaqraw kemm jifilħu, iżda jwiddibhom li dak li jaqraw ma jeħduhx b'"Evanġelu" (ara p. 75 tar-rumanz). Il-problema tas-Sur Kelin u taż-żewġ żgħażagħ baqgħet il-problema ta' Ellul Mercer innifsu, anki fejn daħlu awturi wisq egħżież għalih bħal Fyodor Dostojevski. F'artiklu ieħor li kiteb għar-rivista *The Knight* (*The Human Gamble* Vol. III, N. 8, Settembru, 1953, pp. 23–28), Ellul Mercer ikkwota minn *L-Aħwa Karamazov* ta' l-awtur kbir Russu. Ellul Mercer ikkwota l-parti fejn Dostojevski, epilettiku, jistaqsi, permezz ta' l-Inkwiżitur:

> *Taf int illi ż-żmenijiet għad igħaddu u l-umanità għad tipproklama b'fomm l-għorrief tagħha illi ma jeżistu la delitti u għalhekk, lanqas dnubiet? Jeżisti biss il-ġuħ.*

Il-ġuħ huwa ġuħ materjali u ġuħ intellettwali. Din kienet verità li Ellul Mercer, kemm bħala awtur kif ukoll bħala politku, emmen fiha tabilħaqq. Iżda xorta waħda deherlu illi t-twemmin ta' Dostojevski "kien kuntrarju" għal dak tal-Maltin. Ellul Mercer ċaħad it-twemmin ta' Dostojevski bl-iktar mod kategoriku fl-artiklu tiegħu f'*The Knight* tal-1953: "Dostojevski's filosophy is certainly the opposite to ours. So must be his beliefs. And we certainly rebut them." Mill-banda l-oħra, fl-istess artiklu, Ellul Mercer għamel apoloġija favur Dostojevski u "ħafirlu" għax kien jaf li l-awtur Russu kien bata l-ġuħ.

Minn dawn il-pożizzjonijiet ambivalenti ġejja t-tensjoni kollha li hemm fir-rumanz: Leli huwa "l-imdawwal" li jrid iħallas prezz għoli għall-iżolament tiegħu; dan il-prezz iqarreb lejn il-ġenn jew għallinqas lejn in-nevrestenija. Dan, ta' min itenni, ammettieh Ellul Mercer innifsu meta kixef illi l-ġrajja ta' Leli hija l-ġrajja tiegħu nnifsu bħala awtur li ammetta l-istat "newrotiku" tal-bniedem kreattiv.

**J.C. BRIFFA**









1. **Platun**
2. **Kant**
3. **Shopenhauer**
4. **Dostojevski**

# IL-ĦADD FUQ IL-BEJT

## Studju ta' Ġużè Diacono



Disinn: Jesmond Dalmas (1985)

Francis Ebejer beda jikteb id-drammi tiegħu fuq stil espressjonistiku. Mill-banda l-oħra, l-abbundanza ta' simboli bosta drabi tressqu lejn l-impressjoniżmu, li minnu tnissel l-espressjoniżmu. Kien hu li daħħal fid-dramm Malti l-espressjoniżmu, fejn it-teknika hija soġġettiva, bogħod mir-realiżmu, u fejn il-karattri huma rappreżentattivi ta' kwalitajiet u qagħdiet soċjali, tajbin jew ħżiena. Maż-żmien, milli jidher, qaleb għal ċertu grad ta' realiżmu, fejn ma hemmx simboliżmu (għallanqas mhux maħsub artifiċjalment), u fejn il-karattri huma individwi li jingħażlu wieħed minn ieħor, osservati *in the round* kontra l-*flat characters* tat-teatru espressjonista.

Id-djalogar tad-dramm realistiku huwa wkoll realistiku fih innifsu, mhux bħal dak tad-drammi espressjonisti ta' Ebejer innifsu, jew bħal dak tad-drammi ta' Ġużè Aquilina.

**Il-Ġrajja tad-Dramm: l-Ewwel Att**

Rita, tip snobb, intolleranti ma' żewġha, li hu mir-raħal, waqt li tqis ruħha tas-soċjetà. Tieħdu bil-herra, toffendih għal-xejn b'xejn, saħansitra ċċanfru quddiem ħbiebha. Malajr jidher li Rita hija mdejqa biha nfisha, u jeħel ħaddieħor ma' rasha. Rita u Paul ma għandhomx tfal, u ma jdumx ma jidher li din hija l-kawża tad-dwejjaq u l-buri ta' Rita.

Jaslu għandhom ħbieb Rita, Aldo u Lina, li anqas huma ma għandhom tfal. Rita tħobbhom – magħhom tinsa l-buri kollha. Aldo u Lina huma ta' l-istess livell soċjali tagħha. Imma l-aktar li tgħożżhom Rita (bla ma tintebaħ) huwa għax b'riħithom u fil-kumpanija tagħhom tista' taħrab mill-kruha tal-preżent u tgħix fit-tifkiriet ħelwa ta' tfulitha.

Rita hija inċerta minnha nfisha, u tistqarr li qiegħda tonqos lil Paul għax ma tatux tfal.

Interessanti wkoll huwa l-fatt li hija intolleranti mal-ġirien ukoll, u mhux ħlief teħodha magħhom u tilmenta u tikkritikahom għax jirvellaw.

Tasal Marion li tammira (anzi għad naraw li saħansitra tħobb) lil Paul, u tikkritika l-imġiba ta' oħtha miegħu. Tħeġġu biex jieqaf lil oħtha. Marion, li tixbah lil oħtha xi ftit fl-intolleranza u l-asserzjoni tagħha, ma tisthix tistqarr l-oriġni baxxa ta' niesha (missierha). Insibu argument mqanqal bejn Paul u Marion, fejn it-tfajla tistqarr l-antagoniżmu li hemm bejnha u oħtha – "antagoniżmu sesswali wkoll".

Lejn tmiem dan l-att, Rita tiftaħar b'niesha, tmaqdar lil Paul, tinsisti li Paul, jagħmel x'jagħmel, ser jibqa' *"barra"* miċ-ċirku tagħha u ta' ħbiebha. Rita hija mara aggressiva, imma fl-aħħar tinfexx tibki.

F'daqqa waħda Marion tagħtihom l-aħbar li ommha ħassha ħażin u ħaduha l-isptar. Rita teħodha bi kbira, iżda mhux hekk Marion; tant li, meta oħtha ċċanfarha għax ma tkellmitx qabel, tgħidilhom, "Kont insejt".

**It-Tieni Att**

Jaslu Karm, kuġin ta' Paul, u ibnu Johnnie. Sadanittant, Paul u Rita marru l-isptar. Lil Karm u Johnnie Marion tilqagħhom tajjeb. Hawn insiru nafu li Karm u Johnnie huma wkoll nies tax-xogħol mill-kampanja. Marion titkellem dwar ir-relazzjonijiet bejn missierha u ommha, u xxebbahhom ma' dawk ta' Paul u Rita.

Tasal Rita u ġġib ruħha ħażin ħafna ma' Karm u Johnnie, saħansitra tmaqdar it-tpinġija ta' Johnnie. Karm u Johnnie kienu marru għand Paul, biex jitolbuh jagħti daqqa' t'id lil Johnnie fl-ambizzjonijiet tiegħu bħala pittur bis-saħħa tar-relazzjonijiet u l-pożizzjoni li issa għandu fis-soċjetà. Quddiemhom stess, Rita tmaqdar il-qraba ta' Paul, iżda fl-aħħar Paul jeqfilha u jeħodha magħha. Karm u Johnnie jitilqu, iżda jħallu l-kwadri li ġabu bħala rigali, wieħed minnhom għal Rita stess.

F'dan l-att ikompli jiżviluppa l-konflitt bejn Rita u Marion – li huwa rifless tal-konflitt imgħoddi bejn ommhom u missierhom. Marion tippreferixxi l-ħajja fir-raħal, u titlob lil Rita tagħti ħarsa fis-subkonxju tagħha; tibqa' tisthajjel ruħha fir-raħal, imdawra bit-tfal, u tara lil Rita tifraħ bit-tfal tagħha meta tmur iżżurha. Rita din teħodha bħala nigża, tgħajjira indiretta għax ma għandhiex tfal. Imma tirreagixxi u tfakkar lil oħtha li huma jixxiebhu, forsi anki "fi ħwejjeġ bijoloġiċi", kliem li mhux għajr twissija lil Marion li hi wkoll tista' ma jkollhiex tfal. Tithajjar tagħti ftit mill-ħtija wkoll lil Paul għall-imġiba ta' oħtha. Rita tgħid lil oħtha u lil Paul: "Kemm taqbżu għal xulxin!" wara li Paul jipprova jiskuża l-imġiba ta' Marion ma' oħtha (bħalma drabi oħra jiskuża l-imġiba ta' Rita ma' oħtha). Paul iweġibha: "Iva, imma mhux kif qed taħseb int".

Wara ftit Paul jiskuża lil Rita ma' Marion. Jidher sewwa

hawn minn fejn ġejja l-ġibda ta' Rita lejn Aldo u Lina: huma simboliċi tal-ħajja mgħoddija ta' Rita u jfakkruha fil-għożża u l-ħarsien ta' dawk li kienu jieħdu ħsiebha u ta' ħbiebha.

Jidher ukoll ċar, li Marion tħobb lil Paul, għalkemm ir-reazzjoni ta' Paul hija dejjem serja; kif ukoll li hija miġbuda lejn missierha u r-raħal, forsi kollox ġej mill-ġibda tagħha lejn Paul. Missierha wkoll, madanakollu, kien mir-raħal. Tidher ukoll l-għira tagħha għal oħtha.

**It-Tielet Att**

Aldo, Lina, Paul u Rita ma jsibux x'igħidu. Aldo u Lina jfaħħru t-tpinġija ta' Johnnie, Rita tibqa' tmaqdar. Minn kliem Lina nsiru nafu li Rita kellha natural ħelu meta kienet żagħżugħa. F'daqqa waħda, bla ma jrid, Aldo jikxef li hu u martu kien se jkollhom tarbija (din l-aħbar kellhom f'rashom li jagħtuha bi prudenza akbar, imma issa ħarġet!) Reazzjoni ta' Rita għax ħbewhielha. Tikkommiżera lilha nfisha. Aldo u Lina jitilqu.

Wara dan ix-xokk, Rita tifhem, u ssir matura. Hija wkoll twelled simbolikament (u psikoloġikament), Rita ġdida. Maqtugħa ħesrem miċ-ċirkostanzi li ġabulha l-wens ta' Aldo u Lina, li fihom kienet taħrab mill-kruha tal-preżent, issa tirrealizza l-verità. Marion taħbat titħassarha, u naraw xebh essenzjali bejn Rita u Marion.

Rita taċċetta s-sitwazzjoni, tammetti l-ġmiel tal-kwadru ta' Johnnie. Marion tirrealizza li, wara kollox, kienet tħobb lil ommha: "Qalbi għad trid tinqasam għaliha".

Marion tifhem li mħabbitha għal Paul hija impossibbli. Titlaq ma' Richard, li kien ilu jissikkaha bid-daqq tal-ħorn tul id-dramm. Jibqgħu Paul u Rita, sa fl-aħħar mill-ġdid u tabilħaqq "flimkien".

## IL-KARATTRI

**RITA**

Nofs ta' nhar il-Ħadd, jew ġurnata (bħall-oħrajn) imma tiġri l-konverżjoni, jew aħjar, fejqan ta' RITA.

Iż-żwieġ huwa perfezzjoni bit-tfal. Tfal m'hemmx. Sub-konxjament Rita tirreaġixxi u tinfexx id-dwejjaq tagħha f'Paul.

Rita mdejqa mill-istat preżenti – tipprova taħrab psikoloġikament miż-żwieġ tagħha ma' Paul, bid-dwejjaq li ġabilha, u tmur lura lejn żgħożitha, rappreżentata minn Aldo u Lina.

Imdejqa biha nfisha, u twikki d-dwejjaq tagħha lil ħaddieħor. Rita qed tfittex irbit surrogatorju għal dak li ma tahiex sodisfazzjon, u dan issibu fi ħbiebha, Aldo u Lina, li jirrappreżentaw il-kasta li minnha ħarġet biex ħadet lil Paul.

Ma kenitx dejjem hekk. Takkuża lil Paul, għax ma darrihiex, ma "edukahiex". Kienet mara oħra. "Kont mara oħra jien", u Paul jaqbel. Tqiegħed lil żewġha barra mill-"kasta". Tiksru quddiem ħbiebha, tiddisprezzah quddiemhom. Dawn huma kollha dwejjaq tagħha. Aħna niltaqgħu ma' mara ta' natural antipatiku, kollha herrau tmegħir ma' żewġha, imma nintebhu minn kliemha stess, kif ukoll minn kliem Paul, u ċar ħafna, minn dak li jgħidu ħbiebha Aldo u Lina dwarha li tabilħaqq "kienet mara oħra".



Paralleli: Ommha u missierha.

Missierha kien mill-kampanja – Paul kien mill-kampanja.

Missierha issottometta ruħu għal omm Rita – Paul qed joqgħod b'sabru għall-buri koroh ta' Rita. Dan tirrilevah Marion, li saħansitra tħeġġeġ lil Paul aktar minn darba biex jieqaf lil oħtha.

Rita miġbuda lejn ommha – kasta! Ma qabletx ma' missierha.

Rita tiddisprezza lil Karm u John, li fihom tara lil Paul, il-klassi tiegħu, il-kampanja, li jirrappreżentaw il-preżent fallut tagħha.

Rita, milquta mill-aktar traġedja li tista' tolqot lil mara miżżewġa (dik li ma għandhiex tfal) tħoss ruħha f'inkubu. Rita tagħmel kuntrast interessanti man-nisa ta' Tennessee Williams, bħal ngħidu aħna, Blanche Dubois f'*A Street Car Called Desire* u Laura f'*The Glass Menagerie*, li kollha jbatu minn xi difett jew dgħajfin jew mit-tifkira ta' xi ħtija, imma jirnexxilhom "jaħarbu", jinsew u jistabru fil-ħolm u fl-istaħjil (*make-believe*).

Min-naħa l-oħra tagħmel parallel mhux anqas interessanti ma' Lizette, fid-dramm ta' Ġużè Chetcuti, *Imħuħ Morda*. Bħal Rita, Lizette ma tistax taħrab mill-"preżent", anzi tinsisti li tiddrammatizzah u tgħix il-kruha tiegħu. Rita għallanqas, tipprova taħrab, imma ma jirnexxilhiex għax dejjem hemm żewġha Paul, lil bla ma jrid, u bla ma jintebah, dejjem ifakkarha u bħal iwaħħlilha ma' wiċċha n-nuqqas u l-imperfezzjoni tagħha bħala mara – sakemm, fi tmiem id-dramm, imnebbha mill-ġmiel ta' dak li ser iġġarrab Lina, jirnexxilha "twelled" Rita oħra.

Hawn hi r-raġuni għall-imġiba kerha ta' Rita ma' żewġha. Rita mdejqa biha nfisha, u tinfexx id-dwejjaq tagħha f'Paul, tistmah ħażin, tmaqdru (u miegħu jeħlu niesu) tiksru, tridu "barra" miċ-ċirku tagħha u ta' ħbiebha, Aldo u Lina. Fil-fatt, meta tmaqdar, iċċanfar u żżeblaħ lil żewġha tkun tmaqdar, iċċanfar u żżeblaħ lilha nfisha.

Min-naħa l-oħra, fil-kumpanija ta' Aldo u Lina jirnexxilha taħrab u ssib kemm fl-imgħoddi ferrieħi, fis-snin ta' l-iskola, meta kulħadd kien iħobbha, kienet protetta u mfissda, u kellha wkoll (kif tgħid Lina) natural ħelu. Subkonxjament, għalhekk, trid il-kumpanija ta' Aldo u Lina. Għalhekk jid-dispjaċiha li Aldo u Lina joqogħdu bogħod minnhom u ftit li xejn tarahom u għalhekk tagħmel dak l-għors kollu meta jgħaddu għandhom, u tħeġġiġhom biex imorru fil-villa li kellhom fil-qrib.

Rita kienet ukoll tistabar fil-kumpanija ta' Lina, għax din ukoll kienet bla tfal, u, għall-ewwel teħodha bi kbira meta ssir taf li Lina kienet tistenna tarbija. Imma, imbagħad, jirbaħ is-sentiment l-aktar qawwi fil-mara – is-sentiment tal-maternità. L-imħabba ta' l-omm tilħaq is-sublimità tagħha meta tagħti l-ħajja – din il-ħajja li fil-fatt hija estensjoni ta' l-istess mara-omm. It-tarbija ta' Lina sejra tkun Lina oħra – u Rita, imnebbha minn dan it-twelid jew ħelsien fiżiku, twelled hi wkoll, Rita oħra, Rita ġdida ħielsa mill-inkubu u mill-kruha tal-preżent. Dan ta' Rita huwa "ħlas" f'sens doppju, kemm fis-sens li ħelset lil Rita "ġdida", u kemm fis-sens li teħles mill-konflitt psikoloġiku li ż-żewġ Ritiet kienu qegħdin joħolqulha fis-subkonxju tagħha.

Rita fl-aħħar sabet il-paċi, inħelset, u tista' tidħol mill-ġdid fi ħdan iċ-ċirku ta' għajrha, b'mod speċjali żewġha. Sejra ssir "il-mara" li kienet qabel. Tapprezza kif xieraq u bla preġudizzju l-pittura ta' John; id-dramm jagħlaq fil-kalma u l-paċi, b'xenqa ta' mogħdrija u qrubija:

> RITA : *(minn ħdejn iċ-ċint fejn baqgħet fin-nofs dlam)* Paul.
> PAUL: *(ma jweġibx mill-ewwel)*
> RITA : Paul.
> PAUL: *(minn isfel, ma jiċċaqlaqx u anqas iħares 'il fuq)* Jien hawn Rita. Jien hawn ....

**Il-bidwi (K. Gruppetta) mar-raġel tan-negozju li qed jinsa egħruqu (P. Xuereb).**

Nixtieq ngħid hawn li l-attitudni ta' Rita, li tagħmel minn żewgħa l-vittma ta' l-irritazzjoni, id-diżilluzjoni u l-protesta tagħha, inħobb inxebbahha ma' dik ta' Jimmy Porter, f'*Look Back in Anger* ta' John Osborne, lejn martu li, bħal Paul, iġarrab is-sitwazzjoni b'sabar kbir.

**PAUL**

Paul twajjeb, għaqli, bniedem ta' sabar, tant li Rita tabbuża minnu, u tistmah ħażin. Saħansitra tmaqdru, iċċewlħu quddiem ħbiebha, tinfexx id-dwejjaq tagħha fih. Ma tridux fil-kasta tagħha u ħbiebha.

Paul jifhem mniex għaddejja martu, iġarrab bis-sabar u ma jagħmel ebda reazzjoni, iżda jiqfilha meta tmaqdarlu lil niesu, jiġifieri l-oriġni tiegħu.

Naraw liema hu n-natural ta' Paul meta Marion tħeġġu darba wara l-oħra biex jieqaf lil oħtha – biex ma jkunx it-tieni "daddy".

Jiskuża lil Marion ma' Rita – lil Rita ma' Marion. Fil-fatt jifhimhom lit-tnejn u japprezzahom aħjar milli huma lil xulxin – forsi għax qed iħares "minn barra".

Marion taraha kerha lil Rita għax tħobb lil Paul, u Rita taraha kerha lil Marion b'reazzjoni, u għax tara lil kulħadd ikrah barra dawk li timmedeżima ma' żgħożitha u jgħinuha biex taħrab fl-imgħoddi mill-preżent.

Paul huwa bniedem normali, u l-awtur jinqeda bih u bin-normalità tiegħu biex joħloq kontrapożizzjoni ma' l-istat nervuż, anormali ta' Rita (kważi aberrazzjoni).

**MARION**

Jidher ix-xebh ma' oħtha Rita fil-ħerra ta' mġibitha, fl-intolleranza u fl-ispirtu ta' dominazzjoni. Imma Marion ma għandhiex ambizzjonijiet ta' klassi. Tirrikonoxxi l-imgħoddi tagħhom, missierha kien nisel tal-klassi tax-xogħol. Araw Marion x'tgħid lil Paul:

> U jien ħabbejtu ħafna. Biss nerġa' ngħidlek – issirx bħalu. Kellu jpattiha ħajtu kollha għax iżżewweġ lill-mamà – il-mamà u l-familja antika u glorjuża tagħha! Min jaf kemm-il darba xtaq li żżewweġ mara mir-raħal tiegħu stess!

Lil missierha tħobbu, imma għall-kuntrarju, qatt ma qablet ma' ommha. Ma kellhiex wisq simpatija ma' ommha, kif turi mġibitha fil-mewt tagħha. Tabilħaqq, qisu li l-attitudni kienet reċiproka jekk noqogħdu fuq dak li tgħid Marion dwar ommha lil Paul: "Qatt ma tat kasi, lil Rita iva. Forsi għax rat kemm kont nixbah lid-*daddy*, u ngħiduha, xi affarijiet lilha qatt m'għoġbuha".



Il-Mara f'Ebejer hija dominanti, kumplessa u misterjuża.
Disinn ta' Aldo Gatt, 1985



L-artist mir-raba' (M.P. Azzopardi) u l-mara ħawlija tal-belt (K. Azzopardi).

Marion tħobb lil Paul, u tħeġġu u xxewxu biex jieqaf lil oħtha. Marion tgħid lil Paul "... Qatt tkun bħad-*daddy*, Paul". U tinsisti, "... issirx bħalu". Aktar lura fl-istess xena, Marion terġa': "Dak li qatt m'għamel id-*daddy* mal-mamà, issa agħmlu int ma' Rita". U fi tmiem dan l-att, Marion:

> "Mur. Hemm iktar velenu f'ilsienha lest għalik. X'int tistenna? Mur."

Biex nagħrfu u napprezzaw il-karattru ta' Marion, nistgħu naraw dak li tgħid fuqha nfisha. Lil Paul tgħidlu: "Jien niġbed lejn in-naħa tad-*daddy*". U mill-ġdid lil Paul: "Għad inġibilkom għajnejkom wara widnejkom. Għadkom ma tafux kemm jiena ta' rasi, pittma, stramba, kemm jiena qalila – u kiefra ..." Min-naħa tiegħu Paul igħid lil Marion: "... U int fix-xemx ukoll, żagħżugħa, minn tagħna ħafna, spiritwża kemm trid, intelliġenti, mimlija ħajja ... m'għandek kwiet ta' xejn ... Hekk".

Marion tobsor ukoll li l-kumment ta' Paul jista' jkun dwarha:

> PAUL: Din tiegħek, għażiża Marion, m'hi xejn ħlief antagoniżmu li tħoss għal oħtok, fost l-oħrajn antagoniżmu sesswali wkoll.

La Marion ġibdet lejn missierha, u għall-kuntrarju ta' Rita ma tidhirx li ħamlet wisq lil ommha, ma tistagħġebx li tħobb ir-raħal u tmur tajjeb ma' Karm u John, qrabat Paul mir-raħal, u togħġobha l-pittura ta' John.

Il-qilla ta' Marion, imbagħad, tfeġġ ċara, meta f'tilwima feroċi, tgħid lil oħtha li hi tmur tgħix fil-kampanja, fejn Rita għad tmur taraha u tfaħħrilha t-tfal. Din hija forsi tingiża, imma Rita tirreaġixxi:

> RITA: ... Barra minn hekk, tinsiex li inti oħti u trid jew ma tridx nixxiebhu f'xi ħwejjeġ żgur ... Ngħidu aħna fi ħwejjeġ bijoloġiċi ....

Madanakollu, Marion, entużjasta, mimlija ħajja, b'fiduċja fil-ġejjieni, tagħtina lemħa tal-mara li Rita kienet u għad tista' tkun jekk terġa' għal stat psikoloġiku normali.

**ALDO/LINA u KARM/JOHN**

Żewġ gruppi rappreżentattivi ta' kwalitajiet soċjali, tipiċi tal-*flat character* espressjonista.

Aldo/Lino jirrappreżentaw għal Rita is-snin taż-żgħożija, tal-protezzjoni żejda fl-iskola, il-*bonton*. Igħinuha biex taħrab mill-kruha tal-preżent. Jiswew lil Lina ta' faraġ sakemm ma jkollhomx tfal.

Ara wkoll kliemhom meta jitkellmu dwar in-natural (ħelu) li kellha Rita fis-snin ta' l-iskola.

Karm/John jirrappreżentaw id-dinja ta' Paul (u allura anki ta' Marion, għax tħobb lilu, tħobb lil niesu u l-klassi minfejn ġej); ġa nafu li Marion qablet ma' missierha u mhux ma' ommha. Għalhekk, Rita ma taħmilhomx, u ma teħux gost bil-kwadri ta' John, u għalhekk wara li *twelled* lilha nfisha mill-ġdid, tmur lura u tieħu gost bil-kwadru li John ried jagħtiha.

**ĠUŻÈ DIACONO**



# IT-TRADIZZJONI F'DUN KARM

Minn
J.C. BRIFFA

**"Il-ġdid fl-arti ma hux ħaġa oħra ħlief thewdin il-moħħ."**
**(Dun Karm)**

**IR-RABTA SPIRITWALI bejn poeti Taljani u poeti Maltin bdiet tinħass l-aktar lejn it-tmiem tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. L-elementi malinkoniċi, l-idjoma awtobijografika u l-attwalità politika, ħadu l-punt tal-qofol mill-problemi tal-Patrija. Dawn, skond O. Friggieri *(Il-kultura Taljana f'Dun Karm,* 1976*)* huma wħud mill-punti tal-poeżija tar-*Risorgimento* Taljan li jsibu imitazzjoni fil-poeti romantiċi Maltin.**

Bħala wieħed mill-imseħbin tal-klassi l-kolta, u wkoll bħala membru tal-kleru b'edukazzjoni Latina, Dun Karm Psaila laqa' u żviluppa din it-tradizzjoni twila. Wieħed jista' jsib eżempji kontinwi ta' xebh tematiku, stilistiku u soċjali bejn ir-romantiċiżmu Taljan u l-poetika Maltija tradizzjonali. It-tradizzjoni Taljana kienet l-unika waħda li Dun Karm sata' jsegwi, iżda bħala artist ried ifittex għalih innifsu toroq ġodda. Mill-influssi li assimila, Psaila resaq lejn il-kreazzjoni tal-poeżija bil-Malti.

Fix-xogħol tiegħu *Taħdita fuq il-Poeżija Maltija* Dun Karm kien irrefera għal-letteratura Taljana bħala wieħed mis-suġġetti l-iktar importanti li għandhom jiddaħħlu fis-sillabi ta' studji għoljin, u kien għaraf il-kobor letterarju ta' Dante, Petrarca, Tasso, Manzoni, Foscolo u Pascoli. Kemm Dante u kemm Psaila emmnu fil-ġlieda li jrid jgħaddi minnha l-artist waqt li jfittex li jikkonkretizza l-ħsieb astratt u t-tnejn urew sens malinkoniku u solitarju.

Mill-banda l-oħra, meta Dun Karm kiteb dwar xi ħadd bħal Pirandello, it-trawwim riġidu Kattoliku li rċieva bħala seminarista ma ħalliehx jilqa' l-idea tal-maskri fundamentali ta' l-awtur Taljan. Il-ħsieb "kattoliku" ta' Dun Karm huwa l-punt deċiżiv tal-ħsieb artistiku tiegħu kollu, u l-poeta-qassis ma jaċċetta l-ebda filosofija li tirrendi lill-bniedem priġunier tad-destin, bħalma fehem Pirandello. Minn hawn hu mnissel it-ton morali kattoliku li huwa l-fibra tal-poetika Dunkarmjana.

Fil-fehma ta' Psaila, il-poeta hu bniedem mogħni b'natura speċjali li tagħżlu mill-oħrajn kollha. Dun Karm itenni u jfisser għadd ta' drabi l-qawl Latin *Poeta Nascitur*. L-għażla bejn l-ispirtu u l-materja, bejn il-ħażen u l-virtù tal-Vanġelu hija l-istess għażla li Dun Karm jinqeda biha biex jifred il-poeta mill-ġemgħa l-kbira tal-bnedmin.

Dan l-*elitiżmu kreattiv* huwa rifless fir-reġistru lessikali solenni fil-poeżija ta' Psaila. Il-moralità f'Dun Karm ta' spiss tiehu x-xeħta ta' sejħa lill-poplu fejn il-Patrija hija murija bħala omm li tiġbor l-isforzi kollettivi kontra l-ħakma tal-barrani. Fuq pjan iktar metafiżiku l-metafora ta' l-omm tinbidel: l-omm issir in-Natura. Minn hawn jitnissel is-sentiment li n-Natura hi l-Omm ta' kulħadd. Fil-fehma ta' Psaila, dan is-sentiment irid jitfisser b'mod li jifhmu kulħadd.

Għal Dun Karm, waħda mill-kwalitajiet l-iżjed importanti li jrid ikollha l-poeżija hija ċ-ċarezza. Għoli kemm hu għoli l-ħsieb, għal Dun Karm kienet iċ-ċarezza biss li toħloq ir-rabta bejn il-kittieb u l-qarrej (ara l-*essay* ta' Psaila *Niktbu bir-Reqqa*, 1932).

Minħabba li għal Dun Karm il-poeżija għandu jkollha ton divin, għandha setgħa kbira fit-tfassil tal-karattru. Psaila kien igħid li l-poeżija "tirbaħ bil-ġmiel u trabbi bil-ħlewwa" (1930). Il-poeta qassis kien jisħaq dwar il-valur morali (u għalhekk didattiku) fil-poeżija, tant li kien jinsisti li l-poeta għandu joqgħod attent biex "ma jħallix il-fantasija tiġri bih" (Ittra lill-Prof. Ġ. Aquilina, 1946). Dan il-ħsieb jiddetermina d-dixxiplina teknika u stilistika ta' Dun Karm, imrawwem kif kien bħala saċerdot.

Il-poeżija importanti *Il-"Jien" u Lilhinn minnu* (1938) turi lil Dun Karm isegwi linja ta' ħsieb filosofiku dwar il-bniedem li għandu moħħ u l bniedem li għandu qalb. Il-moħħ u l-qalb (ir-*raġuni* u l-*emozjoni*) iridu jkunu ekwilibrati. Jekk ma jkunux, ma jgħidulek qatt is-sewwa:

> "Raġuni bla mħabba aktarx hi kiesħa, egoista, kburija; l-imħabba bla raġuni aktarx issibha mheġġa żżejjed, għaġġelija u ħalja. Ir-razzjonaliżmu ta' Descartes jixbah ħafna lil ta' l-ewwel, l-emozzjonaliżmu ta' Pascal jixbah ħafna lil tat-tieni."
>
> (Dun Karm: Daħla għal *Il-"Jien" u Lilhinn minnu*)

Il-Professur Dun Karm Sant kien osserva (1941) kif *f'Il-"Jien"*, Psaila twaħħad mal-filosofija kattolika. Il-kattoliċiżmu deċiżiv ta' Dun Karm isolvi l-kriżi filosofika fil-poeżija msemmija (il-poeta nnifsu sejħilha "Għanja tal-Moħħ,



tal-Qalb u tgar-Ruħ"), fejn il-poeta jargumenta illi fuq il-"Jien" tar-raġuni għandha tasal l-imħabba. L-ekwilibriju bejn ir-raġuni u l-emozzjoni jwassal lill-qarrej biex jifhem il-valur sħiħ li l-poeta kien jagħti lill-istil u t-teknika. Dun Karm jagħti xhieda li hu amiratur kbir tal-klassiċi fil-letteratura Griega u Latina. Huwa kien jaħseb illi l-aħjar mudelli huma l-kotba antiki għaliex huma aktar safjin:

> "Il-ġdid fl-arti ma hux ħaġa oħra ħlief thewdin il-moħħ".
> (*L-għaġla fl-Arti*, 1937).

Ir-riġidità u d-dixxiplina stilistika ta' Dun Karm lanqas ma kienet tittollera esperimenti bil-forom ġodda. Dun Karm stess kien stqarr illi hu nnifsu jkun miġnun kieku kellu jaċċetta ċerti "kitbiet imġebbda u mtaqqla" (1950).

Fil-ħarġa ta' Settembru, 1937, ta' *Il-Malti*, li tiegħu Psaila kien direttur, f'artiklu li semma *L-Għaġla u l-Arti*, huwa ħa kwotazzjoni minn Ottorino Respighi fit-taħdita li dan kien għamel bir-radju lill-ħbieb ta' l-Amerika, u li kienet riprodotta fir-*Radio Corriere* ta' l-10 ta' Frar, 1935. Dun Karm uża s-silta biex jisfiduċja "il-poeżija moderna li trid tinqata' għal kollox mix-xejra tal-poeżija taż-żmien ta' qabilha." Il-kwotazzjoni hi din:

> *Jiena ma nemminx illi Arti Internazzjonali tista' tgħid: l-arti ma tistax titrawwem jekk ma hix ħierġa mill-qiegħ tal-qalb, jekk ma hix il-wirja u t-tifsira ħajja ta' bniedem. U billi l-għelma ewlenija u l-iżjed qawwija ta' kull bniedem hi dik tan-nisel u tal-ġens, l-arti trid tkun b'saħħa l-espressjoni ta' poplu. Tista' mbagħad issir universali, jekk ikollha l-qawwa u s-setgħa li tfisser u ssaħħaħ dawk is-sentimenti li qegħdin fis-sisien tas-sura tal-bniedem u li għalhekk huma wirt tal-ġnus kollha.*

Is-silta, li Dun Karm għalaq l-artiklu tiegħu biha, taċċentwa t-tradizzjoni nazzjonalista, xi ħaġa li fis-snin Tletin kienet predominanti fl-Italja u, b'konsegwenza, f'Malta, li dak iż-żmien kienet għaddejja minn kontroversji politiċi kbar bejn dawk li jżommu ma' l-Italja u dawk li jżommu ma' l-Ingilterra. Id-diskors ta' Respighi kif ikkwotat minn Dun Karm jixhed ukoll il-vena romantika tal-poeta, li bena ħafna mix-xogħol tiegħu fuq l-appell għas-sentiment.

**J.C. BRIFFA**

Mario Azzopardi jikteb dwar

# ELLUL MERCER U "L-ALLEGORIJA TA' L-GĦAR"

IS-SEBA' KTIEB TAR-"REPUBBLIKA" ta' Platun (427–347 Q.K.) jinkludi l-Allegorija ta' l-Għar, l-aktar silta famuża mill-kapulavur tal-ħassieb Grieg. Platun, saġġista, filosfu u dixxiplu ta' Sokrate (l-għalliem tat-twemmin monoteista), baqa' magħruf għall-ideat influwenti tiegħu dwar l-edukazzjoni, l-għarfien tal-ġmiel (jew l-estetika), l-iggvernar, l-imġiba tajba u l-kunċetti dwar il-Verità. Infatti, l-Allegorija ta' l-Għar tiġbor fiha l-qofol tat-teoriji Platoniċi li jinteressaw ir-realtà, il-verità u l-illużjoni: il-ħwejjeġ materjali tad-dinja huma biss realtà apparenti, għax "huma biss id-dell ta' dak li huwa veru, muri bħallikieku fid-dawl ta' nar inemnem."

Ġużè Ellul Mercer (1897–1961) isejjaħ l-Allegorija ta' Platun "parabbola" dwar "dak li huwa minnu tabilħaqq, jiġifieri mis-Sewwa li ma jqarraqx, u minn dak li mhux għajr id-dell tas-Sewwa." Fit-Tieni Ktieb, Taqsima XII, ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938), Ellul Mercer jagħti verżjoni mqassra ta' l-Allegorija klassika:

> *"F'din il-parabbola Platone jmur jistħajjel li l-bnedmin kollha kemm huma qegħdin igħixu bħallikieku f'għar daqsiex, aktarx imdallam milli le; u li qed igħixu għomorhom kollu b'daharhom lejn daħlet l-għar; u jħarsu 'l ġewwa. Minn daħlet il-għar, dieħel id-dawl li qed jarmi ħuġġieġa ta' kobor bla qies, u li qed jaħbiha ħajt, ftit 'il barra minn daħlet il-għar.*
> *"Meta l-bnedmin jerfgħu għajnejhom u jħarsu lejn ħitan il-għar, ma jarawx għajr id-dell ta' dak kollu li f'dak il-waqt ikun qed jiġri biswit id-daħla tal-għar. Dan jaraw, u xejn aktar.*
> *"Jekk xi qalbieni jiftillu jdur, jixref, u jħares fid-dawl ta' barra, il-qawwa ta' dan id-dawl għall-ewwel tgħammixlu għajnejh; iżda bil-ftit il-ftit jidra; u jibqa' sakemm joħroġ barra minnu nnifsu bil-ġmiel li jara.*
> *"Jekk mill-ġdid jidħol fil-għar mal-bqija, jintebah li tilef id-dawl; li ma jistax jara iżjed dak li qabel kien jara bħall-bqija. U meta jibda biex igħid x'ra, in-nies tinfexx tidħak, taħsbu qed jitlef, iżżommu b'miġnun."*

Fuq il-livell filosofiku, ħassieba bħal Platun u Sokrate kienu fehmu d-differenza li tgħaddi bejn id-dehriet illużorji (u għaldaqstant, qarrieqa) li toffri d-dinja tal-materja u l-essenza eterna tar-Realtà li ma tinbidel qatt, il-Forma jew l-Idea Assoluta.

Fuq livell ieħor, aktar soċjalizzat, il-parabbola setgħet interessat lil Ellul Mercer għax turi l-ħtieġa illi l-bniedem jinqata' mill-iskjavitù (soċjali) ta' l-għar anonimu biex jifhem aħjar lilu nnifsu, bil-kapaċitajiet kreattivi tiegħu. Għal Ellul Mercer, il-parabbola kellha sservi biex dawk li jaraw id-dawl "itennu dak li jkunu raw lill-għomja u lill-imqarrqin ħuthom."

Minn hawn huma mnisslin ukoll il-fehmiet politiċi ta' Ellul Mercer bħala wieħed mill-pijunieri tal-Laburiżmu kif fehmuh dawk li ngħaqdu madwar it-tabib Pawlu Boffa (1890–1962) biex jorganizzaw il-*Partit tal-Ħaddiema* fis-snin Għoxrin. L-awtur kien jemmen b'saħħtu kollha illi l-fidwa mill-"għar tad-dlamijiet" setgħet isseħħ biss jekk il-kotra tal-Maltin isibu lil min jifthilhom għajnejhom bis-saħħa ta' fehmiet liberali, ibbażati fuq il-qari. L-Allegorija ta' l-Għar ħalliet impressjoni qawwija f'moħħ Ellul Mercer sa minn kmieni fil-karriera letterarja tiegħu.

## ĦELSIEN MILL-INJORANZA

Fis-sena 1925 Ellul Mercer beda jxandar fil-*Labour Opinion* "parabbola" twila tiegħu, imqassma f'sitt partijiet, mibdija bil-psewdonimu *Bdilt Ismi* (23.7.1925) u mitmuma b'ismu proprju (13.8.1925). Matul l-allegorija tiegħu, ċertament imnebbħa mix-xogħol ta' Platun, Ellul Mercer ħeġġeġ għall-"ħelsien mill-jasar" u "mit-tgħanniq mad-dlam ta' l-injoranza." Il-ħsieb ta' l-awtur kien illi joħloq filosofija soċjali favur il-ħaddiema maħqura, li fi żmienu kienu jgħixu f'kundizzjonijiet ta' miżerja.

Jeżistu diversi korrispondenzi bejn l-allegorija ta' Platun u l-parabbola ta' Ellul Mercer imxandra fil-*Labour Opinion*: fil-limiti ta' dan l-ispazju biżżejjed jekk insemmu illi kemm Platun kif ukoll Ellul Mercer insistew illi d-dawl awtentiku jistgħu jilqgħuh biss il-ftit. Fil-fehma ta' Ellul Mercer, id-dawl tal-Verità huwa d-dawl li "juri l-bqija kemm hi dgħajfa."

jissokta p. 180



Dr. Oliver Friggieri (fin-nofs) qiegħed jagħmel Konferenza letterarja fi Sqallija (Frar 1985). Fuq il-lemin il-poeta Rolando Certa qiegħed jintroduċih, u l-Onor. Salvatore Giubilato fuq ix-xellug.

# IL-LETTERATURA MALTIJA U L-MEDITERRAN

**Riflessjonijiet ta' OLIVER FRIGGIERI miktubin fid-dawl tal-Konferenzi li kien mistieden biex jagħti ftit ilu fi bliet differenti ta' Sqallija.**

IL-FOROM TA' L-ESPRESSJONI tal-bniedem huma, minnhom infushom, sforzi biex tingħeleb il-limitatezza, passi lil hinn mil-limiti ta' l-egħluq. Il-forom ta' l-arti huma s-sublimazzjoni ta' l-istess sforzi, komuni, "banali", li l-bniedem ikollu jagħmel il-ħin kollu biex jegħleb lilu nnifsu, jivvjaġġa lil hinn mill-kuxjenza. Iżda dan hu vjaġġ tal-kuxjenza stess; hi wkoll trid tkun il-kriterju li jgħaqqad flimkien il-punt tat-tluq mal-punt tal-wasla. L-arti l-aktar "intellettwali", marbuta ma' ideat mifhumin u mfissra bħala tali, hi l-letteratura.

## Il-letteratura bħala espressjoni ta' ambjent

Ladarba d-dimensjoni ta' l-ispazju, tal-post hi assoluta fl-esperjenza tal-bniedem, din ma tistax tingħeleb mill-artist, li hu bniedem ukoll. L-egħruq, ix-xejriet ta' l-ambjent jerġgħu jixirfu, imqar jekk f'għamliet diversi u sublimati, fil-prodott aħħari li jissejjaħ opra ta' l-arti. Il-karatteristiċi ta' l-oriġni jibqgħu hemm, imqar jekk mistura, imbiddlin u msarrfin f'kuxjenza li tuniversalizza. Il-limitu jitqies, f'dan id-dawl, bħala kwalità pożittiva, u l-isfida ta' artist serju hi li jagħraf fil-limitu kemm l-identità tiegħu – storika u umana – u kemm żvantaġġ li jrid jingħeleb bi ħtieġa biex, bħalma sostna Aristotli fil-*Poetika*, mill-istorja titnissel il-poeżija, u biex l-istoriku u l-poeta, minkejja r-rabta inizzjali ta' bejniethom, jingħarfu minn xulxin.

Kull letteratura, mela, hi wkoll, storikament, xitla li tinbet f'ambjent li jagħtiha l-ħajja. Id-dnub jew il-virtù tan-nisel tagħha, iż-żerriegħa li trid tikber, ma jinqerdux u anqas ma jinċaħdu, il-proċess tat-trasformazzjoni hu proċess artistiku, uman, jiġifieri ma jagħmilx l-impossibbli, iżda xorta waħda jfittex li jmiss dik li, f'termini Nsara, nistgħu nsejħulha l-intwizzjoni ta' l-etern (ħsieb preżenti fi Croce, fost l-oħrajn) li mill *issa* tasal għad *dejjem*, mill-partikulari tivvjaġġa sal-kosmiku.

Dan hu diffiċli ħafna f'kull każ. L-analiżi tax-xogħlijiet bikrija ta' awturi kbar li għexu fl-ambjenti ċentrali tixhed hi wkoll ir-rabta oriġinali bejn l-immedjat u l-artist. L-ewwel poeżiji ta' bosta poeti kbar huma kronaka privata, riflessjoni kollha kemm hi awtobijografika; fis-sens veru tal-kelma, m'humiex poeżiji, għaliex m'humiex distillati biex igħoddu għal kulħadd u dejjem. Mhux biss in-nazzjonalità iżda anqas il-persunalità privata m'hi megħluba sa dan l-istadju. Meta jitwieled tassew l-artist, f'xi mument partikulari ta' żgħożitu jew ta' l-adultezza, il-persuna privata tkun saret ukoll artist, aġent ta' l-universali u ta' l-etern.

Jekk din l-isfida hi diffiċli dejjem, f'kull ambjent, hija wisq aktar diffiċli fil-każ ta' letteraturi żgħar fejn il-folklor, l-immedjatezza, il-provinċjaliżmu jaħkmu wisq aktar milli fi mkejjen oħra bħala qawwiet li jiddeterminaw u jnisslu speċi ta' mħabba egoista (fis-sens pożittiv tal-kelma) akbar minn dik li tista' titnissel fl-ispazji miftuħa taċ-ċentri ġeografiċi u kulturali. Din kienet u għadha theddida serja għal-letteraturi żgħar. Il-letteratura Maltija hi fost l-iċken minħabba r-raġunijiet storiċi u ġeografiċi magħrufa. It-theddida, mela, tinħass aktar.

Madankollu, malli l-artist ta' ambjent żgħir jifhem din il-verità umana, irawwem fih ukoll id-dispożizzjoni li jara lilu nnifsu bħala artist uman, aktar milli bħala artist nazzjonali, jew soċjali. Dan l-iżvilupp ma jnaqqas b'ebda mod il-koerenza tal-punt tar-riferiment soċjali, iżda ma jħallihx jikber tant li jokkupa l-ispazji kollha.

## L-insularità bħala qofol tematiku

Żvilupp li jinħass fil-letteratura Maltija, u li l-kritika ma tistax ma tqisux, bil-kriterji estetiċi, bħala fenomenu pożittiv, hu li l-



Pirandello: parabbola ta' l-egħluq mentali tal-bniedem.

insularità li tillimita tissarraf f'tematika li, minnha nnifisha, m'hix aktar insulari. Il-gżira li tagħlaq tispiċċa biex minflok ma tnissel l-iżball, il-medjokrità u n-nuqqas ta' kriterji siewja, titbiddel f'kuxjenza. Il-gżira li wieħed igħix fiha tispiċċa biex issir tema li wieħed jivvjaġġa bis-saħħa tagħha u madwarha. Fi kliem ieħor, l-insularità tinġarr bħala turment jew feliċità, u f'idejn artist tajjeb tagħti l-istess prodotti tajbin li tagħti t-tema tal-ftuħ u l-integrazzjoni f'ċentri ewlenin.

Ir-reġjun tagħna hu mimli b'dawn l-eżempji li rnexxew. L-egħluq privat, ambjentali, ta' Agriġentin bħal Pirandello wasal biex issarraf f'parabbola ta' l-egħluq mentali tal-bniedem; is-solitudni taċ-ċittadin ta' din il-parti ta' Sqallija sabet is-saħħa meħtieġa fil-ġenju Pirandelljan biex tikber fis-solitudni tal-bniedem fuq l-art.

Is-silenzju ta' Quasimodo, il-mutiżmu bikri tiegħu bħala persuna privata, spiċċa biex sar metafora universali tal-poeżija kbira tiegħu.

Is-solitudni li għal Dun Karm kienet problema personali spiċċat biex ġiet ittrattata, poetikament, bħala s-solitudni tal-maħluq ħassiebi fuq l-art fejn, waħdu u mċaħħad mill-għodod meħtieġa, jistaqsi u jistenna tweġiba fil-ħolqien mutu tal-*Jien u Lilhinn Minnu*.

L-istedina ta' pajsaġġ, ta' ambjent ċkejken bħal ta' Kreta, qrib l-eternità provinċjali, kienet biżżejjed għal poeta bħal Kakavelakis biex mill-art tiegħu jittawwal fuq pjaneta sħiħa. L-eżempji huma kotrana, u l-mudell hu wieħed. Il-vjaġġ hu indikat fit-tradizzjoni qadima tal-kritika daqskemm fil-moderna: mill-immedjat għall-medjat, mill-personali għall-kosmiku. Fi kliem Aristoteliku, mill-istorja għall-poeżija.

**Xejriet ewlenin tal-letteratura Maltija**

Hawn tinbet ir-rilevanza tal-letteratura Maltija bħala l-espressjoni ta' l-insularità li m'hix aktar insulari, jekk tilħaq il-livell estetiku meħtieġ. Fl-egħluq jinstab ukoll l-infinit, fiċ-ċokon jiġġarrab ukoll l-ispazju kbir, u fl-eżistenza Maltija tinħass ukoll l-eżistenza umana.

L-insularità, mela, issir tematika sħiħa. Magħha tinħass in-nostalġija, xejra li nifhem li hi kwalità kronika tal-letteratura tar-reġjun u tagħna wkoll. Hi nostalġija għaċ-ċentru? Għall-kobor impossibbli? Jew hi ritorn lejn il-bniedem preistoriku, bħallikieku dan hu "annimal" kollu kemm hu terren, anzi terren biss li jara n-nazzjonalità tiegħu saħansitra f'kuntrast ta' distinzjoni mill-fenomeni naturali, l-annimali, il-ħxejjex, l-ambjent non-uman kollu? Il-mistoqsija tidher li titwieġeb fil-pożittiv.

Fil-letteratura Maltija moderna, ngħidu aħna, il-konfront ġewwieni-barrani, mifhum storikament fuq il-livell politiku, hu mifhum fuq il-livell eżistenzjali. Il-barrani hu l-ieħor li m'hux uman, l-esseri li hu sostanzjalment differenti, u għalhekk misterjuż.

Fl-isbaħ lirika ta' Mario Azzopardi l-polarizzazzjoni sesswali anqas ma tibqa' tiftiehem faċilment bil-konfront raġel-mara. Il-femminilità "tiegħu" hi seħer li jieħu kull forma, u li jista' jinstab fl-esseri maskili stess. Il-karikatura tista' tisfuma f'silwetti, kif ġara f'Azzopardi minn *Demgħat tas-Silġ* (1976) sa *Tabernakli* (1979) u *Monokordi* (1984). F'Daniel Massa l-ambjent hu extra-terren; il-baħar hu l-ispazju l-ġdid fejn il-bniedem m'hux annimal li jimxi iżda li jgħum; il-baħar li jiswa bħala riklam turistiku tbiddel f'kontinent proprju tal-bniedem. F'Achille



**Il-Femminilità: seħer li jieħu kull forma (Skultura ta' H. Moore).**

Mizzi l-primordjalità, il-preistorja, il-kategorija taż-żmien miċħud saru kuntest fejn tiftiehem l-eternità, fażi lil hinn u ogħla mill-istorja.

L-epoka tal-ġuf hi preżenti u l-bniedem li jgħix fiha jkun għeleb il-limitu billi "mess" dak li ma jistax jintmiss, lilu nnifsu fl-eternità ta' qabel it-twelid. Għalhekk Ħaġar Qim u ż-żona industrijali u l-qasam xjentifiku jgħixu paradossalment flimkien, għaliex m'humiex aktar "huma" kif nafuhom fid-definizzjoni prożajka tagħhom, iżda kategoriji ta' kuxjenza li vvjaġġat ħafna, anki jekk baqgħet tgħix fil-punt ta' l-oriġni, il-gżira żgħira. Hemm koralità fost l-aħjar esponenti Maltin, għalkemm kull wieħed għandu l-kreattività tiegħu biex jittrattaha.

It-taħdita ħerqana mal-pajsaġġ, il-malinkonija li tterraq bejn l-hena u n-niket bħallikieku b'burdata essenzjali waħda, is-silenzju u s-solitudni bħala kundizzjonijiet storiċi li saru psikoloġija karatteristika, is-sens tal-qedem li hu attwalizzat u mżewweġ mal-kronaka, ir-reliġjożità bħala temperament li bih Alla jixref f'kollox biex jagħti tifsira, it-turment li jissawwar fir-riflessjoni fuq in-nazzjonalità (li m'għandhiex tinqered) u l-limitatezza (li tidher nazzjonali, u għandha tingħeleb): dawn u xejriet oħrajn li jitolbu studju xieraq huma biżżejjed biex jixhdu l-kuxjenza ta' Mediterraneità mifhuma bħala nazzjonalità aktar profonda minn dik li tingħata b'deskrizzjoni ħafifa tal-fruntieri ġeografiċi.



**L-udjenza li attendiet għal waħda mill-Konferenzi li Dr. Oliver Friggieri għamel fi Sqallija dwar il-letteratura u l-Mediterran (Frar 1985).**



Sistemi li qegħdin fuqna b'seba' għajnejn.



# IL-KRITIKA SOĊJALI F'EBEJER[1]

Jikteb L. Gellel, S.J.

Tliet drammi importanti ta' Francis Ebejer dehru f'firxa ta' ħames snin. *L-Imwarrbin* inħadem fuq il-palk fl-1968, *Il-Ħadd Fuq Il-Bejt* fl-1971 u *L-Imnarja Żmien Il-Qtil* fl-1973. Huma tliet drammi li taw xejra oħra lix-xogħol drammatiku ta' Ebejer mhux biss fl-istil iżda wkoll fil-kontenut. Ebejer ħalla warajh it-teatru ta' l-assurd u ħoloq teatru Malti ġdid f'dak li hu kritika ta' ħajja Maltija f'ambjent Malti. Dan hu l-aktar minnu fl-aħħar żewġ drammi fejn l-isfond ta' l-Imnarja u tal-ħajja fuq il-bejt huma karatteristiċi tal-pajjiż u fejn il-karattri jinqalgħu aktar, bħal f'xi bassoriliev, minn dan l-ambjent soċjali ta' gżiritna.

Ma rridx nagħmel studju dettaljat fuq dawn id-drammi iżda x'aktarx nislet dawk il-ħjut l-aktar evidenti f'din it-tapizzerija tad-drammaturgu u dawk il-karatteristiċi ewlenin ta' karattri u ta' kuntrasti komuni f'dawn id-drammi. Minn dawn il-karattri u dawn il-kuntrasti toħroġ il-filosofija tal-kittieb.

## IMWARRBIN MIS-SOĊJETÀ

Ebejer iqiegħed il-persunaġġi tiegħu mwarrbin mill-oħrajn. *L-Imwarrbin* seta' kien l-isem ta' din il-ġabra ta' drammi. Dawn il-persunaġġi jitbiegħdu f'lukanda maqtugħa fuq għolja, jew fuq il-bejt fejn l-għajjat u l-ħsejjes bilkemm jinstemgħu, jew f'dar qadima mistura min-nies fil-masġar tal-Buskett. Iżda l-imkien maqtugħ mhux ħlief ħjiel topoloġiku ta' l-istat psikoloġiku ta' dawn in-nies. Dan l-istat kien maħluq minnhom stess mhux għax il-ħajja għalqithom barra minn dis-soċjetà iżda għax fehmithom u t-tfassila li taw lil ħajjithom iwarrbuhom minn din is-soċjetà.

It-tliet drammi jitkellmu fuq ġrajjiet li jintemmu f'dawra ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ħin qasir li fih il-persunaġġi jgħarblu u jwieżnu ħajjithom biex jaraw lilhom infushom f'dawl ġdid. Għad li l-azzjoni tiġri fil-preżent Ebejer jiġbor fiha dak li kien u dak li għad ikun. Il-ħarba tal-persunaġġi mhix biss mis-soċjetà iżda l-aktar miż-żmien li kien u miż-żmien li ġej (fiż-żmien li hu). L-awtur jiġbor b'mod teleskopiku daż-żminijiet flimkien. Għax il-bniedem hu frott ta' dak li kien, u dak li hu mhux ħlief żerriegħa ta' dak li għad isir. Il-bniedem li jaħrab mill-imgħoddi u ma jridx jaħseb f'dak li ġej biex igħix biss fl-*issa* tiegħu ftit jinduna li l-issa m'hu qatt, għax l-issa m'hux ħlief firda bejn l-imgħoddi u l-ġejjieni. Il-bniedem ma jaħrab qatt l-imgħoddi u hu biċċa mill-ġejjieni. L-imgħoddi u l-ġejjieni m'humiex ħlief perspettiva differenti ta' l-istess eżistenza.

## QTIGĦ IL-QALB U TAMA

F'*Il-Ħadd Fuq Il-Bejt* l-ewwel kelmiet huma bħall-ewwel erba' noti tal-ħames sinfonija ta' Beethoven. Huma jħabbru t-tema tad-dramm. Paul iħares lejn l-imgħoddi tiegħu u ta' martu Rita li minnu ma baqa' xejn ħlief is-*slides* tas-safar. "Dak in-nhar kont tliftek, tiftakar?" It-telfa ta' l-imgħoddi, u t-tifkira li

[1]Minn *Problemi ta' Llum* (Frar, 1974), 51 – 56.

Rita ma tridx taf biha. Rita taħrab ukoll mir-realtà tal-preżent biex tgħix fil-fantasija tal-kotba. Ma tridx tara dak li hu madwarha u d-dawl li jsebbħu. Għalhekk tilbes in-nuċċali tax-xemx. Ħabibtha Lina, li tagħmel il-ħila u trid tħares lejn il-ħajja kif inhi, tgħid lil Rita biex tneħħih. U Paul igħidilha l-istess ħaġa. Lina tħares wiċċ imb'wiċċ lejn ir-realtà: "Irridu nkomplu ngħixu man-nies ta' madwarna".

Paul hu l-frott ta' l-imgħoddi, iben ir-raba', simbolu tal-ħajja. Igħix fil-preżent iżda li dak ġej ma jbeżżgħux. Għandu l-kuraġġ iħares lejn il-ħajja kif inhi, mhux biss, imma bit-tromba jaraha aktar fil-qrib u jiddeskriviha lil Marion, it-tfajla kollha ħajja, simbolu ta' tama, fergħa għadha tħaddar ħierġa minn zokk li qiegħed jinxef. Għalhekk Paul ikellimha fuq id-dawl tax-xemx u l-ħdura, u t-tfal jilagħbu, u n-nisa bil-*prams*, u t-tifla bil-gaġġa vojta għax l-għasfur x'aktarx ittajjar ħieles. Xbihat kollha ta' ħajja, ta' twelid, ta' enerġija ġenerattiva.

Diffiċli li fid-drammi ta' Ebejer issib karattru li hu għal kollox pożittiv jew negattiv. Il-persunaġġi tiegħu huma dawl u dlam, kjaroskur. L-istess Marion għandha moħbija fiha d-difetti ta' oħtha Rita. Dak li jifdiha hi t-tama tagħha, ħarsitha 'l quddiem. Marion tammira żewġt irġiel li ma tistax tilħaqhom: Paul, ir-raġel t'oħtha, u missierha, mejjet. Għal Richard, iż-żagħżugħ li jħobbha, ma għandhiex ħlief tkasbir u tpinġih b'mod karikaturali. Iżżeblaħ iż-żgħażagħ moderni (il-preżent). Fl-aħħar tad-dramm tintebaħ bl-iżball tagħha. Tippreferi lil Richard minn Paul biex jiġi għaliha. Issib triqitha kif Rita ssib tagħha meta ssejjaħ lil żewġha u dan iwieġeb: "Jien hawn."

Rita ddejjaqha l-ħajja: "X'qiegħda tagħmilli din ħajti, x'għamlitli." It-tfal li jwerżqu u jgħajtu fil-ġonna jdejquha. Trid taħrab mir-realtà. "Fejn nista' naħrab aktar fil-għoli ħalli ma nismagħhomx?" Tinduna bl-iżball tagħha iżda m'għandhiex ħila tħares dritt lejn il-ħajja: "Imma meta anqas jiena stess ma naf x'qiegħda jew x'imissni nara." It-traġedja tagħha hi sħiħa: "Għax daqskemm nobgħod l-imgħoddi ta' l-aħħar snin, daqshekk nibża' mill-futur." Ma baqgħalha xejn għax l-*issa* ma jeżistix. Il-bniedem hu dak li kien u dak li ser ikun. Il-bniedem m'huwiex, il-bniedem *qiegħed* ikun. L-imgħoddi u li ġej huma żewġ naħiet ta' folja karta. Fuq waħda hemm imħażża ħajjitna, fuq l-oħra se titħażżeż. Bejn waħda u l-oħra m'hemm xejn ħlief taqliba ta' karta, ħlief mument li m'hu qatt għax jekk hu ġa kien u jekk kien m'huwiex.

## ISSA U L-IMGĦODDI

F'*L-Imwarrbin* kważi l-persunaġġi kollha qegħdin jaħarbu mis-soċjetà u mill-imgħoddi. Mark irid jaqta' kull kuntatt mal-ħajja barranija. Ma jridx iwieġeb it-telefon. Għal Manwel il-ħajja hi biss tifkiriet tal-biża' ta' l-imgħoddi, tifkiriet li jbiddlu wkoll ir-realtà tal-preżent. It-tieqa tħabbat tbeżżgħu. It-tnejn jaqraw il-gazzetti u jinħbew warajhom, kważi mbeżżgħa, kważi b'rimors.

Rafela taħbi l-imgħoddi fix-xogħol tagħha. Hi wkoll tibża'

minnu. U Jean ma tarax l-imgħoddi ħlief fix-xbiha tal-mewt. 'Il bogħod, lil hinn mill-wied hemm il-qabar ta' dik li temmet ħajjitha. Qabarha qiegħed hemm, minsi, jinħeba bit-trab u l-ħaxix tax-xagħri. U dak li miegħu qasmet il-ħtija qiegħed f'xi qabar ieħor, xi mkien. Iżda l-eħieres li jiġu jitturmentaw lil Jean huma ħajja, l-aħwa Andrè u Casta.

"Dawn l-affarijiet tal-biża' ma jħallukx kwiet," igħid Manwel. U Jean: "Għadab sħiħ kif daħket bina l-ħajja" jew "Il-ħajja ... ma tagħtikx nifs u anqas ċans li taħarbilha." Jean ukoll tgħix fl-illużjoni t'*issa*. "L-*issa* huwa l-aktar mument importanti," tgħid lix-xbejba Liża. "Issa huwa mera oħra li fiha jistgħu jintefgħu r-riflessjonijiet kollha li trid int ... Jekk tħalli l-imgħoddi jirfes fil-preżent, il-mera tiċċajpar ..." U Manwel fl-illużjoni ta' qalbu: "M'aħna xejn in-nies li konna qabel ... dawk spiċċaw, qishom qatt ma eżistew."

F'*L-Imnarja Żmien il-Qtil* Ebejer juri kif l-*issa* tal-ħajja Maltija m'huwiex ħlief rifless ta' l-imgħoddi. Peter igħix f'dar qadima li wiret minn bużnannietu. Roża ċċanfru u twissih: "Inti ma mxejtx 'il quddiem minn meta konna għadna maħkuma mill-kavalieri ... Pompa u pompożità vojta." Fil-btala ta' l-Imnarja hemm element pagan u barbariku: il-qtil u x-xalar u l-ikel u x-xorb u l-għażż. Wirt ta' l-imgħoddi li għaġen il-ħajja Maltija ta' llum.

## IN-NATURA U L-OMM MALTIJA

Fil-kritika tiegħu tas-soċjetà Maltija Ebejer jifred il-ħajja artifiċjali mill-ħajja ġenwina tal-pajjiż u hekk jixħet xaqq ta' dawl, ħjiel ta' tama. L-artifiċjalità Ebejer iwaħħadha man-nies ta' l-ibliet bil-kuntatt mal-barrani u taħt l-influss materjalistiku li ġej minn dan il-kuntatt.

Il-ħajja tassew Maltija ssib l-egħruq tagħha fir-raba', fl-irħula, fin-nies li taħt xemx sħuna li ssaffi u sseddaq, iwelldu u jħawlu u jkabbru. F'*Il-Ħadd Fuq il-Bejt* Rita hi z-zokk li nixef, li għandu ħtieġa ta' tlaqqim. Żewġha Paul, mitwieled fil-kampanja, irnexxa. Hi ċ-ċaħda min-naħa ta' Rita li tilqa' lil Paul, l-antagoniżmu għal dak li hu tabilħaqq Malti, li ma jagħtix frott, li ma joħloqx identità tassew Maltija.

Marion hi l-element żagħżugħ li fih Ebejer jittama. Hi tagħraf lilha nfisha u toħlom li terġa' lura lejn il-kampanja. Marion tgħid lil Paul: "Minħabba fikom rabbejna għeruq ġodda wara d-deġenerazzjoni pass pass ta' dan l-aħħar nofs seklu fir-raba' ta' l-identità. Nieskom hemm fl-irħula xemxin ta' Malta, fil-vera Malta." Marion tiddeskrivi ruħha bħala omm Maltija f'raħal Malti: "... Immur fir-raħal tiegħi ... ikolli ngħolli xi ftit leħni ħalli ninstama' minn fuq l-għajjat tat-tfal ..." Hi Marion li taqbeż għal Johnnie, iż-żagħżugħ raħli, li qiegħed ifur bl-arti għammiela tiegħu.

F'*L-Imwarrbin* hu l-ġardinar Nikola li jgħajjex u jagħti l-ħajja lin-natura. Liża, simbolu ieħor ta' żgħożija u tama, tammirah: "Għoġobni l-ħoss, sabiħ u ritmiku, ta' l-għodda tiegħek. Le, ma fixkiltli l-ebda rqad, tibżax! Int u n-natura." Liża ma tgħixx fil-ħolm, hi tgħix man-natura. L-aħwa Andrè u Casta lilha biss m'għandhomx x'iċanfru.

Fl-*Imnarja*, Roża titgħaxxaq bin-natura. Timxi fil-masġar, tissamma' l-ħsejjes "ta' insetti u annimali oħra zgħar. Ħabbejthom ilkoll ... Ma ridtx nitlaq minn hemm ... Kont lesta li nintilef qalb il-blat." Bħal Marion hemm tama li hi wkoll tkun omm tabilħaqq Maltija. Peter jimmaġinaha hekk: "... qed narak għad tkun l-omm Maltija, ħiemda, statwa ta' l-onestà u ta' l-integrità ..." U Roża stess tfisser il-ħajja ta' din l-omm: "Taqtigħ ta' qalb, u maħbubin imbiegħda, u tfal li jfarrkulha moħħha bil-ħsibijiet ..." Ftit qabel kienet iddeskriviet il-familja tagħha: "Ġenituri xjuħ, għadhom jinħabbu qishom f'*honeymoon* perpetwu. Tliet ħuti miżżewġin bit-tfal, igħixu f'hena kontinwu ..."

**It-teatru ta' Ebejer huwa ffullat b'karattri li qegħdin ifittxu identità.**

## L-IMGĦODDI, L-ISSA U LI ĠEJ

Għal Peter, Roża hi bħal dik l-omm milquta għall-mewt minn Mario, element ġdid, prodott ta' materjaliżmu artifiċjali ta' familja milwija fuqha nfisha f'relazzjonijiet morda, element distruttiv li jeqred il-ħajja Maltija:

"Omm Maltija, fuq siġġu, bħal dak is-siġġu (fejn kienet qagħdet Roża) dritta, qisha statwa, mimlija bl-esperjenzi iebsa tal-ħajja, ta' ħafna ħajjiet, ta' dawk li huma tagħha issa, u dawk li ġew qabilha min jaf kemm-il ġenerazzjoni qabel".

Għax l-omm Maltija ma tiċħadx l-imgħoddi tagħha, ma tibżax mill-ġejjieni. "Xi tkun qed taħseb l-omm Maltija?" isaqsi Peter lil Roża. Twieġbu: "Forsi fl-imgħoddi u l-futur." "Qiegħda tiftakar f'ommok?" jistaqsiha aktar tard. "Le, qiegħda nara lili nnifsi."

Peter jikkundanna s-soċjetà Maltija għall-ħajja materjalista tagħha, għall-medjokrità ta' ideat, għall-isfruttament tal-mument. Igħixu biss il-ħajja t'issa:

"Il-ħajja għalihom hija biss il-preżent. Issa. U dak li m'għandux x'jaqsam mal-preżent huwa dubjuż u perikuluż u ta' min jikkundannah."

## ETÀ U SIMBOLIŻMU

Fil-kritika tiegħu ta' din is-soċjetà Ebejer m'hux jeħodha kontra ġenerazzjoni u jfaħħar oħra. Hu minnu li l-persunaġġi li jaqgħu l-aktar taħt l-analiżi huma mdaħħlin fis-snin. Iż-żgħażagħ jidhru f'dawl aħjar. Iżda għal Ebejer l-età fid-drammi tiegħu għandha aktar xejra simbolika milli reali.

Iż-żgħożija hi għajn ta' ħajja, ta' tiġdid lejn ideal, ta' tama, ta' ħarsa ħielsa minn kull preġudizzju lejn ir-realtà tal-ħajja. Għal din ir-raġuni huma dejjem iż-żgħażagħ f'dawn id-drammi li jgagħlu lill-oħrajn jeżaminaw ħajjithom mill-ġdid, jagħmlu awtokritika u jaslu għal deċiżjoni fejjieda. F'*L-Imwarrbin* huma l-aħwa Andrè u Casta li jqajmu l-kuxjenza ta' l-oħrajn u jtuhom kuraġġ iwieżnu ħajjithom. F'*Il-Ħadd Fuq Il-Bejt* Marion iċċanfar lil Rita. Ix-xogħol taż-żagħżugħ Johnnie jġiegħel lil Rita tidħol fiha nfisha. Meta Rita tagħżel għaliha l-kwadru ta' l-omm raħlija l-bidla tibda f'ħajjitha u Ebejer juża mument ta' realtà b'sens simboliku. Rita tħoss uġigħ, psikoloġiku aktar milli materjali, iżda li għandu s-sintomi ta'







**F'Ebejer hemm preżenti l-mottiv li jrid jipproteġi l-innoċenza, il-kwalità li sfat korrotta mis-soċjetà konsumista.**

dak li tħoss mara mtaqqla. Rita laħqet il-livell ta' mara Maltija li fil-perfezzjoni tagħha, għal Ebejer, hi l-omm li twelled. Rita, f'sens metaforiku, laħqet dan l-istat. F'*L-Imnarja Żmien Il-Qtil* dan l-element li jqajjem il-kuxjenza hu Roża.

Semmejt li l-persunaġġi f'dawn id-drammi jaslu għal deċiżjoni fejjieda. Ebejer igħarbel u jikkritika b'xafra ħarxa lis-soċjetà. Iżda bħal tabib jaqta' biex ifejjaq. Il-persunaġġi tiegħu jagħtuna tama.

**DAWL U DLAM**

Għedt ukoll li m'hix ħlief mezz simboliku għal Ebejer. Jekk iż-żgħażagħ huma l-movent fid-dramm, ftit miż-żgħażagħ huma perfetti. Kif semmejt Ebejer ipinġi bi kjaroskur. Marion għandha difetti u mhux żgħar. Andrè u Casta huma aktar simboliċi milli reali. Ftit nafu fuqhom. Huma bħall-anġlu aħrax tal-kuxjenza li jidħol u jfejjaq. Jidher, jaqdi l-missjoni tiegħu u jgħib. Mario, f'*L-Imnarja Żmien Il-Qtil*, hu żagħżugħ, iżda wkoll wieħed mill-agħar tipi li ħalaq Ebejer: egoist, parassit, bla sinsla, żbilanċjat emozzjonalment, prodott ta' soċjetà opportunista u materjalista.

Mill-banda l-oħra Paul, f'*Il-Ħadd Fuq il-Bejt*, imdaħħal xi ftit fiż-żmien, hu x'aktarx il-karattru l-aktar nobbli f'dil-ġabra ta' drammi. Nies oħra mdaħħlin fiż-żmien iżda b'lineamenti karatteristiċi pożittivi huma Karm f'*Il-Ħadd Fuq Il-Bejt*, Ġakbu f'*L-Imnarja Żmien Il-Qtil* u Nikola f'*L-Imwarrbin*, partijiet żgħar, imnaqqxin bir-reqqa, li jdaħħlu nota ħelwa fid-dramm. Kollha wlied ir raħal, sempliċi fl imġiba tagħhom, miftuħa, fin nuqqas ta' għerf tagħhom joħorġu bi kliem u ħsebijiet tad-deheb.

Kull dramm fih tliet atti. Fl-ewwel att l-awtur iħabbar il-kriżi tas-sitwazzjoni drammatika. Din il-kriżi tilħaq l-aqwa tagħha fit-tieni att li fih l-awtur idaħħal element ġdid u fl-istess ħin barrani fin-nisġa ġewwiena tar-relazzjonijiet bejn il-persunaġġi. Dan jidher l-aktar f'*Il-Ħadd Fuq Il-Bejt* bil-miġja ta' Karm u ibnu, u f'*L-Imwarrbin* bir-reċitazzjoni tal-aħwa Andrè u Casta. Xi ħaġa bħal din tiġri wkoll f'*L-Imnarja Żmien Il-Qtil* bil-miġja tal-professur, ta' ħuh u mart ħuh. Dawn id-drammi jixxiebhu f'ħafna elementi kostruttivi oħra u f'karattri li jitolbu aktar studju.

## L-Allegorija ta' l-Għar

•jissokta minn p. 175

Mill-banda l-oħra, Ellul Mercer uża l-parabbola tiegħu biex jakkuża lill-"Kbarat" li jmexxu b'ipokresija; akkużahom illi jaħdmu billi jerdgħu demm il-ħaddiema. Jippretendu li huma raw id-"dawl", iżda "id-dawl" tagħhom huwa dak tal-"profeti foloz". L-awtur iwissi illi jista' jkun hemm parassiti li jippretendu li raw id-dawl, iżda dan ikun dawl qarrieqi, "artifiċjali". Fi tmiem l-allegorija tiegħu, l-impenn soċjali ta' Ellul Mercer favur il-klassi l-batuta huwa aċċentwat b'indirizz dirett li dawk il-"Kbarat mgħobbija bil-Għerf u bir-Ram". Is-silta li tinteressa lill-qarrej f'dan is-sens hija din:

> *"Lilkom ilkoll, għaldaqstant, li tifilħu, li intom imtaqqla bil-piż ta' ħafna Għerf u ta' ħafna Ram, u li donnkom triduh għalikom weħedkom, li tafu li jmiss lil ħutkom fid-dmugħ daqskemm lilkom ... nitlobkom, mhux għalija, iżda għall-kotra bla tarf li donnha minsija għal kollox minnkom, ikollkom ftit tal-ħniena minn dal-ħolqien li quddiemkom jitriegħed..."*
>
> ("Imsiebah u Xemx", *Labour Opinion*, 6.8.1925)

Skond Platun, l-Istat ma jistax jiddispensa l-ġustizzja jekk qabel ma jifhimx is-sustanza tal-Verità awtentika u għalhekk, it-tmexxija ta' l-Istat għandha tgħaddi f'idejn il-filosfi, f'idejn il-ħassieba. Imqar fil-prattika politika, kemm bħala Ministru kif ukoll bħala Aġent Prim Ministru, Ġużè Ellul Mercer baqa' jsostni illi ma setgħetx tinħoloq politika ġenwina jekk ma tkunx imseddqa b'enerġija intellettwali, bl-għan li terfa' lill-kotra mid-dlam ta' l-injoranza, mill-għar oskur ta' l-aljenazzjoni korporattiva.

**MARIO AZZOPARDI**

**Ellul Mercer interessa ruħu mill-qrib mill-qagħda miżera tal-kotra, nieqsa mill-mezzi bażiċi u mit-tagħlim.**



## أجوبة لفهم المكتوب ٣ الأرخبيل المالطى

١ - يَقَعُ الأَرْخَبِيلُ الْمَالطِيّ فِي وَسَطِ الْبَحْرِ الأَبْيَضِ الْمُتَوَسِّطِ وَيَتَأَلَّفُ مِنْ خَمْسِ جُزُرٍ.

٢ - أَصْبَحَتِ الْجُزُرُ الْمَالطِيَّةُ غَنِيَّةً بِالأَمَاكِنِ التَّارِيخِيَّةِ وَالْمَبَانِي الْفَخْمَةِ لِأَنَّ عِدَّةَ أَجْنَاسٍ قَدْ اسْتَوْلَتْ عَلَيْهَا.

٣ - بُنِيَتْ كُلٌّ مِنَ الْفَنَادِقِ وَالْمَطَاعِمِ فِي مَنَاطِقَ مُخْتَلِفَةٍ مِنْ هٰذِهِ الْجُزُرِ لِأَنَّ مَالطا حَظِيَتْ بِاهْتِمَامٍ كَبِيرٍ مِنَ السُّيَّاحِ.

٤ - بَعْضُ الْمَنَاطِقِ ذَاتِ الاهْتِمَامِ التَّارِيخِيِّ فِي الْجُزُرِ الْمَالطِيَّةِ هِيَ كُلٌّ مِنَ الْمَعَابِدِ وَالْكَنَائِسِ التَّارِيخِيَّةِ الْعَدِيدَةِ وَالْمُدُنِ وَالْقُرَى.

٥ - يَسْتَطِيعُ السُّيَّاحُ أَنْ يَقْضُوا اجازَتَهُمْ فِي هٰذِهِ الْجُزُرِ فِي مُشَاهَدَةِ الأَمَاكِنِ التَّارِيخِيَّةِ الْعَدِيدَةِ الْمَوْجُودَةِ فِيهَا وَالتَّمَتُّعِ بِشَوَاطِئِهَا الْجَمِيلَةِ وَالشَّمْسِ الْمُشْرِقَةِ.

### الكلمات الصعبة فى النص

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| أَرْخَبِيلٌ | arċipelagu | | | | |
| يَتَأَلَّفُ مِنْ | magħmul minn | يَقَعُ فِي | jinsab | | |
| مَوْقِعٌ | pożizzjoni | اسْتَوْلَتْ عَلَى | ħadet pussess | خِلَالَ | matul |
| شُيِّدَتْ | inbniet | الْمَطَاعِمُ | ir-restoranti | الْمُعْتَدِلُ | immoderat |
| بِالرَّغْمِ مِنْ | għalkemm | يَرْغَبُ فِي | jixtieq | فِي امْكَانِهِ | fis-setgħa tiegħu (jista') |
| الْعَدِيدَةُ | ħafna | | | عَظِيمٌ | kbir |
| أَهَمِّيَّةٌ | importanza | الْمَذْكُورُ آنِفًا | li diġà ssemma | عِدَّةُ أَجْنَاسٍ | għadd ta' ġnus |
| حَظِيَتْ | kisbet, rebħet | الْفَنَادِقُ | il-lukandi | مُنَاخٌ | klima |
| إِقْلِيمٌ | reġjun | تَأْسِيسٌ | tqegħid ta' sisien | يَجِدُ | isib |
| إِذَا | jekk | الْمَعَابِدُ | tempji | فَضْلًا عَنْ | barra minn |
| يُمْكِنُهُ أَنْ | hu possibbli għalih li | هُنَاكَ | hemmhekk | طَبِيعَةٌ | natura |
| دَافِئٌ | sħun | مَنَاظِرُ | veduti | جَذَّابَةٌ | li tiġbdek |

# فهم المكتوب

## منزلنا الصّيفي (٦)



بقلم الفريد زرافا

فِي كُلِّ صَيْفٍ بَعْدَ الإمْتِحَانَاتِ أَذْهَبُ مَعَ أُسْرَتِي إِلَى مَنْزِلِنَا الصَّيْفِي وَكُلُّ فَرْدٍ مِنْ أَفْرَادِ أُسْرَتِي يَكُونُ فِي اِنْتِظَارِ هٰذا الْيَوْمِ بَعْدَ سَنَةٍ كَامِلَةٍ مِنَ الدِّرَاسَةِ وَالْعَمَلِ.

وَهٰذا الْبَيْتُ لَيْسَ كَبِيرًا وَلَكِنَّهُ مُحَاطٌ بِبُسْتَانٍ جَمِيلٍ فِيهِ أَشْجَارٌ مُخْتَلِفَةٌ. حُجْرَتِي الْمُفَضَّلَةُ فِي هٰذا الْبَيْتِ الصَّيْفِي هِيَ حُجْرَةٌ فِي الطَّابِقِ الْعُلْوِيّ وَكَثِيرًا مَا أَجْلِسُ فِي هُدُوءِ هٰذِهِ الْحُجْرَةِ وَأَقْضِي كَثِيرًا مِنْ وَقْتِي فِي قِرَاءَةِ الْكُتُبِ وَالْمَجَلَّاتِ. مِنْ نَافِذَةِ هٰذِهِ الْغُرْفَةِ أُشَاهِدُ مَنْظَرًا جَمِيلًا جِدًّا: أُشَاهِدُ الصَّيَّادِينَ يُجَهِّزُونَ شِبَاكَهُمْ لِلصَّيْدِ وَالنَّاسَ يَرْكَبُونَ الْمَرَاكِبَ وَيَسْبَحُونَ، وَالسُّيَّاحَ يَتَمَتَّعُونَ بِالشَّمْسِ الدَّافِئَةِ. كُلُّ أَفْرَادِ أُسْرَتِي يُحِبُّونَ السِّبَاحَةَ وَنَحْنُ نَقْضِي وَقْتًا مُمْتِعًا فِي السِّبَاحَةِ فِي الْبَحْرِ الأَزْرَقِ الْجَمِيلِ وَبَعْدَ ذٰلِكَ نَجْلِسُ وَنَسْتَرِيحُ عَلَى الشَّطِّ الرَّمْلِيّ أَمَامَ بَيْتِنَا. وَغَالِبًا وَعِنْدَ غُرُوبِ الشَّمْسِ أُسَاعِدُ أَبِي فِي الْحَدِيقَةِ وَأَتَمَتَّعُ بِنَسِيمِ الْمَسَاءِ بَيْنَمَا أُمِّي تُوَاصِلُ أَعْمَالَ الْبَيْتِ فِي مَطْبَخِ بَيْتِنَا الصَّغِيرِ. وَأَحْيَانًا نُشَاهِدُ فِي الْمَسَاءِ الْبَرَامِجَ فِي الإِذَاعَةِ الْمَرْئِيَّةِ أَوْ نَقْضِي الْوَقْتَ فِي التَّحَدُّثِ مَعَ أَصْدِقَائِنَا فِي بُسْتَانِ بَيْتِنَا وَفِي الْوَقْتِ نَفْسِهِ نَتَمَتَّعُ بِهَوَاءِ الْبَحْرِ.

أسئلــــــة

١ - لِمَاذَا يَكُونُ كُلُّ فَرْدٍ مِنْ أَفْرَادِ الأُسْرَةِ فِي اِنْتِظَارِ الاِنْتِقَالِ إِلَى الْبَيْتِ الصَّيْفِي ؟

٢ - صِفِ الْمَنْظَرَ الْجَمِيلَ مِنْ نَافِذَةِ غُرْفَةِ الطَّابِقِ الْعُلْوِيّ.

٣ - هَلْ كَانَ الأَبُ مُغْرَمًا بِالْحَدِيقَةِ ؟

٤ - مَتَى كَانَ الْوَلَدُ يُسَاعِدُ أَبَاهُ ؟

٥ - هَلْ يَذْهَبُ الأَصْدِقَاءُ إِلَى بَيْتِ الأُسْرَةِ ؟

## أجوبة لفهم المكتوب "منزلنــــا الصّيفــــي"

١ - يَكُونُ كُلُّ فَرْدٍ مِنْ أَفْرَادِ الأُسْرَةِ فِي اِنْتِظَارِ الاِنْتِقَالِ إِلَى الْبَيْتِ الصَّيْفِي لِيَتَمَتَّعَ بِالإِجَازَةِ بَعْدَ سَنَةٍ كَامِلَةٍ مِنَ الدِّرَاسَةِ وَالْعَمَلِ.

٢ - كَانَ الْمَنْظَرُ مِنْ نَافِذَةِ غُرْفَةِ الطَّابِقِ الْعُلْوِيِّ جَمِيلًا جِدًّا وَمِنْ هٰذِهِ النَّافِذَةِ كَانَ يَظْهَرُ الْبَحْرُ الْجَمِيلُ وَالصَّيَّادُونَ يُجَهِّزُونَ شِبَاكَهُمْ لِلصَّيْدِ وَالنَّاسُ يَرْكَبُونَ الْمَرَاكِبَ وَيَسْبَحُونَ وَالسُّيَّاحُ يَتَمَتَّعُونَ بِالشَّمْسِ الدَّافِئَةِ.

٣ - نَعَمْ كَانَ الأَبُ مُغْرَمًا بِالْحَدِيقَةِ وَكَانَ يَعْمَلُ فِيهَا دائِمًا.

٤ - كَانَ الْوَلَدُ يُساعِدُ أَبَاهُ عِنْدَ غُرُوبِ الشَّمْسِ.

٥ - نَعَمْ يَذْهَبُ الأَصْدِقَاءُ إِلَى بَيْتِ الأُسْرَةِ وَيَقْضُونَ الْوَقْتَ فِي التَّحَدُّثِ مَعَ الأُسْرَةِ فِي بُسْتَانِ الْبَيْتِ.

### الكلمات الصّعبة فى النــص

| | |
|---|---|
| الإمْتِحَانَاتُ | l-eżamijiet |
| فِى اِنْتِظَارٍ | jistenna |
| لَيْسَ | mhux |
| طَابِقٌ | sular |
| نَافِذَةٌ | tieqa |
| يُجَهِّزُونَ | ihejju |
| مُمْتِعٌ | ta' ferħ (li tieħu pjaċir biha) |
| عِنْدَ غُرُوبِ الشَّمْسِ | fi nżul ix-xemx |
| بَعْدَ ذَلِكَ | wara dak |
| تُواصِلُ | tissokta |
| بَرَامِجُ | programmi |
| هَوَاءٌ | arja |
| كَثِيرًا مَا | ta' spiss |
| صِفْ | iddeskrivi (imperattiv) |
| فَرْدٌ (pl. أَفْرَادٌ) | membru, individwu |
| كَامِلَةٌ | kompluta |
| الْمُفَضَّلَةُ | il-favorita |
| الْعُلْوِيُّ | ta' fuq |
| مَنْظَرٌ | veduta |
| يَسْبَحُونَ | jgħumu |
| غَالِبًا | ġeneralment |
| أُساعِدُ | ngħir |
| نَسِيمٌ | żiffa |
| أَحْيَانًا | xi kultant |
| الإِذَاعَةُ الْمَرْئِيَّةُ | it-televiżjoni |
| أَصْدِقَاءُ | ħbieb |

## فهم المكتوب

## الأرخبيـــــل المالـــــطى (٥)

بقلم الفريد زرافا

يَتأَلَّفُ الأَرْخَبيلُ المَالْطِيُّ مِنْ خَمْسِ جُزُرٍ صَغيرَةٍ جِدًّا أَكْبَرُهَا مالطَا وَيَقَعُ فِي وَسَطِ الْبَحْرِ الأَبْيَضِ الْمُتَوَسِّطِ. وَهٰذِهِ الْجُزُرُ صَغيرَةٌ وَلٰكِنَّ تَارِيخَهَا عَظِيمٌ نَتيجَةً لِأَهَمِّيَّةِ مَوْقِعِها فِي الْبَحْرِ الْمَذْكُورِ آنِفًا. وَقَدْ اسْتَوْلَتْ عِدَّةُ أَجْنَاسٍ عَلَى هٰذِهِ الْجُزُرِ، فَشَيَّدَتِ الْمَبَانِي الْفَخْمَةَ وَخَلَّفَتْ كَثِيرًا مِنَ الآثَارِ التَّارِيخِيَّةِ الْعَظِيمَةِ.

وَخِلَالَ السَّنَوَاتِ الأَخِيرَةِ حَظِيَتْ مالطا بِاهْتِمَامٍ كَبِيرٍ مِنَ السُّيَّاحِ وَشُيِّدَتِ الْفَنَادِقُ وَالْمَطَاعِمُ فِي أَمَاكِنَ مُخْتَلِفَةٍ مِنْ هٰذِهِ الْجُزُرِ الَّتِي تَتَمَتَّعُ بِالْمَنَاخِ الْمُعْتَدِلِ لِإِقْلِيمِ الْبَحْرِ الأَبْيَضِ الْمُتَوَسِّطِ. وَبالرَّغْمِ مِنْ صِغَرِها فَإِنَّ كُلَّ سَائِحٍ يَسْتَطِيعُ أَنْ يَجِدَ مَا يَرْغَبُهُ وَيَهْتَمُّ بِهِ فِي الْجُزُرِ الْمَالْطِيَّةِ. وَإِذا اهْتَمَّ السَّائِحُ بالتَّارِيخِ فَبِإِمْكَانِهِ أَنْ يَزُورَ تِلْكَ الْمَعَابِدَ الَّتِي يَرْجِعُ تَأْسِيسُهَا لِمَا قَبْلَ التَّارِيخِ وَأَنْ يَزُورَ الْكَنَائِسَ التَّارِيخِيَّةَ الْعَدِيدَةَ وَالْمُدُنَ وَالْقُرَى ذَاتَ الاهْتِمَامِ التَّارِيخِيِّ. وَفَضْلًا عَنْ هٰذا يُمْكِنُهُ أَنْ يَتَمَتَّعَ بِشَوَاطِئِ مَالطا أَوْ يَقُومَ بِزِيارَةٍ إِلَى جَزِيرَتَيْ هَوْدَجَ وَكَمُّونَةَ وَهُنَاكَ يَتَمَتَّعُ بِالطَّبِيعَةِ السَّاحِرَةِ وَبِالْبَحْرِ الدَّافِئِ وَبالْمَنَاظِرِ الْجَذَّابَةِ الْعَدِيدَةِ.

أسئلـــــــة

١ ـ أَيْنَ يَقَعُ الأَرْخَبِيلُ الْمَالْطِيُّ وَكَمْ جَزِيرَةً فِيهِ ؟
٢ ـ لِمَاذَا أَصْبَحَتِ الْجُزُرُ الْمَالْطِيَّةُ غَنِيَّةً بِالأَمَاكِنِ التَّارِيخِيَّةِ وَالْمَبَانِي الْفَخْمَةِ ؟
٣ ـ لِمَاذَا بُنِيَتْ كُلٌّ مِنَ الْفَنَادِقِ وَالْمَطَاعِمِ فِي مَنَاطِقَ مُخْتَلِفَةٍ مِنْ هٰذِهِ الْجُزُرِ ؟
٤ ـ اُذْكُرْ بَعْضَ الْمَنَاطِقِ ذَاتِ الاهْتِمَامِ التَّارِيخِيِّ فِي الْجُزُرِ الْمَالْطِيَّةِ.
٥ ـ كَيْفَ يَسْتَطِيعُ السُّيَّاحُ أَنْ يَقْضُوا اجَازَتَهُمْ فِي هٰذِهِ الْجُزُرِ ؟

## MILL-KONTRIBUT TAL-QARREJJA:

# IL-FIGURA TAL-MARA F'DUN KARM U F'AZZOPARDI



**Antiteżi: grafika ta' Augusto Cardinali (1985)**

Għalkemm ir-rivoluzzjoni kontra l-elementi romantiċi tradizzjonali li bdiet fis-snin Sittin bħal donnha ddewbet xi ftit mas-Sebgħinijiet, id-differenzi bejn ir-Romantiċiżmu u l-Moderniżmu baqgħu jeżistu. Il-kitba ta' Mario Azzopardi, għalkemm għaddiet minn tibdiliet kbar, baqgħet interessata minn elementi li joħolqu antiteżi għall-opra letterarja ta' Dun Karm Psaila (1871 – 1961).

Dun Karm, li kellu l-ħsieb ewlieni li jfittex l-identità ideali għal pajjiżu, ippropona x-xbiha ta' Malta-Omm. Dan l-istess xogħol ġiegħlu jara romantikament lil Malta-Omm bħala mara safja, hienja u ferħana, li tifraħ b'uliedha. Il-Mara f'Dun Karm tinstab l-aktar fl-aspett matern, filwaqt li elementi oħra psikoloġiċi u spiritwali jitħallew barra.

Il-maternità fil-versi ta' Dun Karm tokkupa post ċentrali. Iżda mhux għal kollox. Dun Karm jagħmel ukoll distinzjoni bejn il-mara 'tiegħu' u l-mara tal-bogħod: il-mara kampanjola u dik beltija. Il-poeta-qassis jidħol f'irqaqat dwar x'jilbsu n-nisa, x'tul u x'jagħmlu biex jidhru sbieħ.

F'Dun Karm, għalhekk, jeżistu żewġ tipi femminili: il-Mara kampanjola (fertili, ferħana, bieżla, reliġjuża, hienja u fiżikament sabiħa) u l-mara beltija (ġerrejja, indiċenti u tipprova tidher sabiħa billi tilbes imqaċċat). Bħala qassis konservattiv Dun Karm ma kienx sejjer jippreferi l-aħħar tip ta' mara, aktar u aktar meta ommu kienet kampanjola. U għalhekk, fil-poeżija tiegħu, Malta tieħu l-bixra femminili rustika. In-nisa Dunkarmjani għandhom *xuxthom mikxufa* u *sidirhom jiżfen mal-mixja.*[1] Il-figura tal-mara, minħabba l-qagħda reliġjuża tiegħu, jagħtiha xbiha ristretta sewwa, fis-sens li kellu għarfien limitat f'dak li hu aspett femminili. Hu kellu esperjenza intima materna li ddettatlu dak li kiteb dwar in-nisa. Lil Malta wkoll raha bħala Omm u Mara Ideali.

Azzopardi jersaq lejn il-mara b'mod differenti. Il-mara 'tiegħu' teżisti f'diversi sitwazzjonijiet u forom, għallinqas f'*Tabernakli*. Jerġa' jinqeda bil-metafora ta' Dun Karm ta' Malta-Omm, din id-darba b'lenti differenti. Il-Malta-Mara-Omm f'dan il-każ m'għadhiex *l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha*[2] iżda saret l-ex-prostituta li nidmet għalkemm itturufnata minħabba wliedha li huma *aħwa b'demm ma jaqbilx.*[3] Azzopardi wkoll jassumi r-responsabbiltà li jitkellem f'isem il-Maltin, iżda jagħti verżjoni oħra ta' din il-Malta-Omm, bħala konfront mal-patrija ta' Psaila. Fit-taqsima *Azazel* Azzopardi jilmaħ il-matriċidju, il-paganiżmu tal-poplu Malti kollu (u mhux tal-beltin biss), id-delitti tal-partiti politiċi li *jerdgħu l-moħħ.*[4] U Malta għadha mingħajr identità; tant li tixtieq tmur lura għall-primordjalità: *tarbija-ħuta tonfoħ għan-nifs.*[5] Azzopardi ma jarax eroj fil-Maltin iżda dnubiet biss. Malta-Omm f'*Tabernakli* m'hix fertili għax l-ulied li twelled tidfinhom *taħt xitla bugonvilla*.[6]

Iżda ż-żewġ poeti ma użawx il-figura tal-mara f'sens patrijottiku biss. Fil-fatt ironikament, għalkemm il-figura tal-mara kienet limitata għal Dun Karm, il-qofol tal-poetika tiegħu jinteressa sesswalment lill-mara. Iż-żewġ naħat tal-poeżija tiegħu (dak tad-*djarju personali*[7] u l-poeżija popolari) jintrabtu flimkien bis-saħħa tal-Mara-Omm. Dun Karm jidher li, kif osservaw xi kritiċi, kellu ġibda straordinarja lejn ommu. Ikun ta' interess jekk, 'il barra mil-limiti ta' dan l-artiklu, wieħed janalizza jekk Dun Karm kitibx f'ġieh ommu jew f'ġieh l-estetika femminili. Tajjeb wieħed iżomm quddiem għajnejh li Dun Karm ma kitibx dwar in-nisa minħabba ġibda materna biss, iżda interessawh nisa oħra: Ġannina Pisani, il-mara misterjuża fi *Rmied*, it-tfajla sabiħa f'*Xenqet ir-Raba'* u l-oħra f'*Warda li Tgħid Ġrajjietha*, fost l-oħrajn. Dun Karm hu konxju ta' l-estetika fiżika fil-mara. Fil-poeżiji tiegħu m'għandux *kuntatt* fiżiku mas-sess oppost, għalkemm ix-xewqa teżisti . . . *meta xewqan immidd dirgħajja biex ingħannaqha.*[8] Dun Karm jinqeda bl-apostrofi biss, u jrażżan ix-xewqa.

Iżda f'*Tabernakli* l-qagħda hija diversa. Il-poeta jġarrab ukoll il-kuntatt fiżiku, u r-relazzjoni mara-raġel, li hawnhekk hi diretta, issir waħda aktar kumplikata. Dan minħabba l-aspett ta' mixja fir-relazzjoni mill-fiżiku għall-mistiku. Azzopardi jgħaddi minn diversi burdati li fihom jittratta s-sieħba tiegħu b'modi differenti iżda l-qofol jibqa' marbut mal-preżenza tal-*Yin:*[9] il-qamar, il-misteru, id-dlam. Minn xi daqqiet irid iżomm kuntatt sħiħ fir-relazzjoni; f'oħrajn ma jridx lanqas biss jikkomunika. Drabi oħra tant jeħtieġ l-imħabba li jibża' minn forzi barranin. Hemm fejn iħossu mġiegħel li jagħżel bejn is-soċjetà u mħabbtu. Il-mara dejjem lesta għall-imħabba: *nittama nilmaħ għajnejk.*[10] Terġa' u tgħid fil-mara jara s-simbolu tal-mewt: il-ħajja eterna aħjar minn dik ta' fuq id-dinja li hi definita *dirgħajja ċimiterju.*[11] Azzopardi jersaq lejn l-estetika tan-niket, għalkemm tajjeb wieħed jinnota li ħjiel ta' dan Dun Karm kellu wkoll: *bint il-weġgħa n-niket.*[12]

Minn hawn wieħed jinnota li l-Mara f'Dun Karm (li hi prominenti bħal dik f'*Tabernakli*) hija diversa mill-Mara ta' Azzopardi f'ħafna aspetti. Hemm il-purità, il-moralità fost l-oħrajn. Biss ninnutaw li xi drabi Azzopardi u Dun Karm jieħdu l-istess attitudni dwar Malta u l-Maltin. Dun Karm jikkundanna lil Malta bħala *belha*[13] u taha biex tlissen kliem bħal: *Faħħruni l-barranin . . . Kasbruni wliedi.*[14] Psaila jittratta l-mara fl-irqaqat esterni ta' l-ilbies u juri wkoll ammirazzjoni fiżika; mill-bqija jiddomina l-aspett kampanjol u matern. F'Azzopardi m'hemmx irqaqat dwar l-ilbies u l-ammirazzjoni lejn il-fiżiku qajla tidher. Iżda l-aspett matern, tant prominenti f'Dun Karm, jingħata wkoll l-importanza tiegħu f'*Azazel*, it-taqsima soċjo-politika ta' l-antoloġija. Azzopardi jqis il-Mara bħala sies reliġjuż u jittraxxendi 'l hinn mill-fiżiku, ħaġa li Dun Karm ma għamilhiex, aktarx minħabba l-ħajja saċerdotali tiegħu fil-konfront femminili.

## NOTI:

1. *Xenqet ir-Raba', Poeżiji Miġbura* (Ed. Kr. O. Friggieri) K.K.M., 1980, p. 187.
2. *Innu Malti, op. cit.* p. 184.
3. *Kantiku ta' Poplu, Tabernakli*, A.C. Aquilina , 1979, p. 85.
4. *Ibid.*
5. *Is-Siegħa tal-Ħanżir, op. cit.*, p. 82.
6. *Fil-Bieb tal-Belt, op. cit.*, p. 81.
7. *Dun Karm – Il-Leħen Poetiku ta' Nazzjon, Hyphen*, Vol. III, No. 6.
8. *Il-Jien u Lil Hinn Minnu, Poeżiji Miġbura*, p. 128.
9. Fil-filosofija Orjentali d-dinja kienet ibbilanċjata bejn il-maskili u l-femminili. Il-filosofija Orjentali tqis li n-natura ta' l-univers hija rappreżentata minn żewġ forzi fil-kosmos: il-*Yang* u l-*Yin*. *Yang* huwa maskili, jirrappreżenta s-sema: pożittiv, qawwi, attiv, xemxi u mdawwal. Il-*Yin* hija femminili, simbolu li jirrappreżenta l-art. Il-*Yin* hija negattiva, misterjuża, dgħajfa, passiva, imqammra u mdallma. Meta l-*Yin* u l-*Yang* jingħaqdu jseħħ l-ekwilibriju.
10. *Serenata, Tabernakli*, p. 63.
11. *Preludju, op. cit.*, p. 69.
12. *Il-Jien u Lil Hinn Minnu, op. cit.*, p. 128.
13. *Lil Malta ta' Llum ta' Għada, Poeżiji Miġbura*, p. 200.
14. *Biki ta' Omm – Black Market eċċ., op. cit.*, p. 218.

**IMMANUEL MIFSUD**

IL-HADD FUQ IL-BEJT

SAN ĠWANN

IL-GĦID TAŻ-ŻGĦOŻIJA

L-IMNARJA ŻMIEN IL-QTIL

LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR

TABERNAKLI

LINJI ĠODDA

## NOTI GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Din is-sensiela għall-Matrikola Ordinarja u għall-Matrikola Avvanzata tal-Malti hi maħsuba biex l-istudenti jinżlu aktar fil-fond fl-istħarriġ tat-testi ta' l-eżami. Hawn referenzi bijografiċi, hawn stħarriġ tal-ktieb, hawn il-mistoqsijiet biex igħinu lill-istudenti jaħsbu għall-eżami. Fil-każ tar-rumanzi u d-drammi hawn il-kapitli jew l-atti fil-qosor. Fil-każ tad-drammi hawn intervisti ma' l-awtur.

B'dawn in-noti l-istudent se jkollu moħħu mistrieħ li jkun mħejji bis-serjetà għall-eżami.

## 7 KOTBA ĠODDA JINSTABU GĦALL-BEJGĦ!

peg Publications

**Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.,**
P.E.G. Building,
Herbert Ganado Street, Ħamrun
Telephone: 24186

**P.E.G. Book Centre,**
Savoy Shopping Arcade,
Republic Street, Valletta
Telephone: 621229